On Friday, 28th July, 2023, from 8.30 p.m. till midnight of Saturday, 29th July, 2023, through Xatt is-Sajjeda and Triq Duncan;

On Saturday, 29th July, 2023, from 6.00 p.m. till 7.00 p.m. through near nuns' convent, Xatt is-Sajjieda and near parish church;

On Saturday, 29th July, 2023, from 8.00 p.m. till 11.00 p.m., through in front of Torri ta' Vendom, Xatt is-Sajjieda, Pjazza Pompei and Triq Duncan;

On Saturday, 29th July, 2023, from 10.00 a.m., till midnight of Sunday, 30th July, 2023, through Triq il-Kajjik in front of Għaqda Mużikali Marsaxlokk band club;

On Saturday, 29th July, 2023, from 6.00 a.m., till 1.00 a.m. of Sunday, 30th July, 2023, through Xatt is-Sajjieda, Triq Duncan and Triq il-Kajjik;

On Sunday, 30th July, 2023, from 10.00 a.m., till midnight of Monday, 31st July, 2023, through Triq il-Kajjik in front of Għaqda Mużikali Marsaxlokk band club;

On Sunday, 30th July, 2023, from 1.00 p.m. till 5.00 p.m., through in front of Torri ta' Vendom, Xatt is-Sajjieda, Pjazza Pompei and Triq Duncan;

On Sunday, 30th July, 2023, from 6.30 p.m. till 7.30 p.m., through in front of Torri ta' Vendom, Xatt is-Sajjieda, Pjazza Pompei, Triq Duncan, Triq Santa Katarina and Triq San Ġużepp;

On Sunday, 30th July, 2023, from 7.30 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza Pompei;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju, 2023, mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn ħdejn il-knisja parrokkjali u Xatt is-Sajjieda;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju, 2023, mill-5.30 p.m., sa nofsillejl tat-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2023, minn Xatt is-Sajjieda, Triq Duncan u Triq Santa Katarina.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 138 tal-2023

Xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-iskal fir-Ramla tat-Torri, il-Mellieħa

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-iskal fir-Ramla tat-Torri, il-Mellieħa, kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Ix-xogħlijiet se jibdew nhar it-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2023 u se jitlestew sal-Ġimgħa, 11 ta' Awwissu, 2023.

Ix-xogħol se jsir mill-art iżda se jinvolvi l-użu ta' għaddasa li se jkunu qed itajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A', waqt li jkun għaddej l-għadis

Se titqiegħed silt curtain tul il-linja li tgħaqqad il-punti A, B, C u D.

Pożizzjoni *Position*	*Latitudni (T)* *Latitude (N)*	*Longitudni (L)* *Longitude (E)*	
A	35° 59'.609	014° 21'.847	Kosta
A	*35° 59'.609*	*014° 21'.847*	*Coast*
B	35° 59'.608	014° 21'.845	
B	*35° 59'.608*	*014° 21'.845*	
C	35° 59'.603	014° 21'.850	
C	*35° 59'.603*	*014° 21'.850*	
D	35° 59'.609	014° 21'.858	Kosta
D	*35° 59'.609*	*014° 21'.858*	*Coast*

Minħabba dan ta' hawn fuq, l-iskal imsemmij hawn fuq mhux se jkun aċċessibbli waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet. Għandha tinżamm distanza ta' sikurezza ta' 10m mis-silt curtain, f' kull ħin.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti għandhom jipproċedu b'veloċità baxxa ħafna (mingħajr rima) meta jinnavigaw qrib iż-żona u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

On Sunday, 30th July, 2023, from 7.00 p.m. till 11.00 p.m., through near parish church and Xatt is-Sajjieda;

On Sunday, 30th July, 2023, from 5.30 p.m., till midnight of Monday, 31st July, 2023, through Xatt is-Sajjieda, Triq Duncan and Triq Santa Katarina.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 138 of 2023

Maintenance works on the slipway at Ir-Ramla tat-Torri, Mellieħa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that maintenance works will be carried out on the slipway at Ir-Ramla tat-Torri, Mellieħa, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The works will start on Monday, 31st July, 2023 and will be completed by Friday, 11th August, 2023.

The work will be carried out from land but will involve the use of divers who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while diving is in progress.

A silt curtain will be laid along the line joining the points A, B, C and D.

Due to the above, the slipway mentioned above will not be accessible while the works are being carried out. A safety distance of 10m from the silt curtain is to be kept, at all times.

Mariners and owners of vessels are to proceed at very low speed (no wake) when navigating close to the area and are to co-operate with the contractor on site.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 139 tal-2023

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 147 tal-2022 dwar xogħol ta' titjib f' Pinto Wharf 4 u 5 u parti mix-Xatt ta' Lascaris fil-Port il-Kbir

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 147 tal-2022.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li x-xogħol ta' titjib fuq Pinto Wharf 4 u 5 u parti minn Xatt Lascaris fil-Port il-Kbir mhux se jitlesta fiż-żmien kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sas-Sibt, 31 ta' Awwissu, 2024.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 147 tal-2022 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 147 tal-2022 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 140. tal-2023

Open Water Swimming Event fil-Bajja ta' San Tumas – 2 ta' Awwissu, 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se tkun organizzata attività ta' open water swimming fil-Bajja ta' San Tumas.

It-tellieqa se ssir tul il-korsa A, B, C, D, B u A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

Pożizzjoni *Position*	Latitudni (T) *Latitude (N)*	Longitudni (L) *Longitude (E)*	
A *A*	35° 51'.300 *35° 51'.300*	014° 33'.933 *014° 33'.933*	Bidu / Tmiem *Start / Finish*

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 139 of 2023

Amendment to Local Notice to Mariners No. 147 of 2022 regarding upgrading work on Pinto Wharf 4 and 5 and part of Lascaris Wharf in Il-Port il-Kbir

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 147 of 2022.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the upgrading work on Pinto Wharf 4 and 5 and part of Lascaris Wharf in Il-Port il-Kbir, will not be completed within the time as planned. The completion date is therefore being extended to Saturday, 31st August, 2024.

Local Notice to Mariners No. 147 of 2022 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 147 of 2022 will remain valid.

Chart affected: BA 177

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 140 of 2023

Open Water Swimming Event in Il-Bajja ta' San Tumas – 2nd August, 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that an open water swimming event will be organised in Il-Bajja ta' San Tumas.

The race will be held along the course A, B, C, D, B and A (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

B	35° 51'.217	014° 33'.983
B	*35° 51'.217*	*014° 33'.983*
C	35° 51'.300	014° 34'.183
C	*35° 51'.300*	*014° 34'.183*
D	35° 51'.217	014° 33'.217
D	*35° 51'.217*	*014° 33'.217*

nhar l-Erbgħa, 2 ta' Awwissu, 2023, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Club RHIB u numru ta' kenuri se jkunu qed jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

F'kull wieħed mit-tliet punti B, C u D se titqiegħed baga kbira 'hi-viz' biex tindika l-korsa.

Il-baħħara kollha huma avzati biex iżommu 'l bogħod sew miż-żona u, taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandhom jgħaddu mill-kors A, B, C, D, B u A.

Fid-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela kbira u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

F'każ li minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp l-avveniment ma jkunx jista' jsir fil-Bajja ta' San Tumas, dan imbagħad isir fil-Bajja tas-Salina fl-istess data u ħin, tul il-korsa X, Y u Z (kif jidher fuq chart 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Pożizzjoni	*Latitudni (N)*	*Longitudni (E)*
X	35° 56'.932	014° 25'.660
Y	35° 57'.168	014° 25'.755
Z	35° 57'.148	014° 25'.808

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 2537 u 2538

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 141 tal-2023

Trasport ta' statwa b'bastiment
f'Birżebbuġa – 3 ta' Awwissu 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li nhar il-Ħamis 3 ta' Awwissu, 2023, li statwa ta' San Pietru se titgħabba fuq bastiment mill-

on Wednesday, 2nd August, 2023, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m.

A club RHIB and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

A large hi-viz buoy will be laid at each of the three points B, C and D to indicate the racecourse.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through course A, B, C, D, B and A.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

If due to weather conditions the event cannot be held at Il-Bajja ta' San Tumas, it will instead be held at Salina Bay on the same date and time, along the course X, Y and Z (as shown on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
X	35° 56'.932	014° 25'.660
Y	35° 57'.168	014° 25'.755
Z	35° 57'.148	014° 25'.808

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 2537 and 2538

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 141 of 2023

Transportation by vessel of statue
in Birżebbuġa – 3rd August, 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, would like to notify mariners that on Thursday, 3rd August, 2023, a Statue of St. Peter will be loaded on a vessel from

breakwater fil-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa (punt A) u tiġi trasportata minn hemm għal ħdejn il-pitch tal-waterpolo ta' Birżebbuġa (punt B), kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Iċ-ċerimonja se tibda fis-7.15 p.m. u mistennija tkun lesta sat-8.15 p.m.

Matul il-vjaġġ, diversi bastimenti oħra mistennija jakkumpanjaw il-bastiment li jġorr l-istatwa.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa u joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanza tal-avveniment imsemmi u għandhom jagħtu d-dritta lill-bastiment li jkun qed iġorr l-istatwa.

Huma għandhom josservaw kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16, minn Marsaxlokk VTS u l-organizzaturi.

Chart affettwata: BA 36

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 142 tal-2023

Trasport ta' statwa b'bastiment
f'Birżebbuġa – 4 ta' Awwissu 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jixtieq javża lill-baħħara li nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Awwissu, 2023, li statwa ta' San Pietru se titgħabba fuq bastiment mill-breakwater fil-Bajja ta' San Ġorġ Birżebbuġa (punt A) u tiġi trasportata minn hemm għal ħdejn il-pitch tal-waterpolo ta' Birżebbuġa (punt B), kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Iċ-ċerimonja se tibda fis-7.15 p.m. u mistennija tkun lesta sat-8.00 p.m.

Matul il-vjaġġ, diversi bastimenti oħra mistennija jakkumpanjaw il-bastiment li jġorr l-istatwa

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa u joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanza tal-avveniment imsemmi u għandhom jagħtu d-dritta lill-bastiment li jkun qed iġorr l-istatwa.

Huma għandhom josservaw ma' kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16, minn Marsaxlokk VTS u l-organizzaturi.

Chart affettwata: BA 36

It-28 ta' Lulju, 2023

the breakwater at St George's Bay, Birżebbuġa (point A on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) and transported from there to a location close to the Birżebbuġa waterpolo pitch (point B on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The ceremony will commence at 7.15 p.m. and is expected to be completed by 8.15 p.m.

During the trip, several other vessels are expected to accompany the vessel carrying the statue.

Mariners are to navigate with caution at slow speed and to keep a sharp lookout when in the vicinity to the above-mentioned events and when sighted they are to give the vessel carrying the statue a wide berth.

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16, by Marsaxlokk VTS and the organisers.

Chart affected: BA 36

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No 142 of 2023

Transportation by vessel of statue
in Birżebbuġa – 4th August, 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, would like to notify mariners that on Friday, 4th August ,2023, a statue of St. Peter will be loaded on a vessel from the breakwater at St George's Bay Birżebbuġa (point A on attached chart) and transported from there to a location close to the Birżebbuġa waterpolo pitch (point B on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

The ceremony will commence at 7.15 p.m. and is expected to be completed by 8.00 p.m.

During the trip, several other vessels are expected to accompany the vessel carrying the statue.

Mariners are to navigate with caution at slow speed and to keep a sharp lookout when in the vicinity to the above-mentioned events and when sighted they are to give the vessel carrying the statue a wide berth.

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16, by Marsaxlokk VTS and the organisers.

Chart affected: BA 36

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 143 tal-2023

Wirja ta' logħob tan-nar – Festa ta'
San Duminku – Il-Belt Valletta – 2023

Id-Direttorat tal-portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar mill-ajru mill-ponta ta' Sant' Iermu – bejn is-swar ta' San Girgor (punt A) u s-swar ta' Abercrombie (punt B) kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m. u mill-11.30 a.m. sal-11.45 a.m.

Nhar is-Sibt, 5 ta' Awwissu, 2023, mid-9.30 a.m. sal-9.40 a.m., minn nofsinhar sal-12.10 p.m., u mis-6.30 p.m. sas-6.40 p.m.

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Awwissu, 2023, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., minn nofsinhar sal-12.10 p.m., mis-7.15 p.m. sat-7.35 p.m., u mill-10.00 p.m. sal-10.20 p.m.

Il-bastimenti rmiġġati f'distanza ta' 200 metru minn punt A u B għandhom jitneħħew u ż-żoni għandha titħalla vojta matul il-wirjiet.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ħruq tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi. L-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwata: BA 177

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 143 of 2023

Fireworks Display – Feast of
St Dominic – Valletta – 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that aerial firework will be let off from St. Elmo Point – between St. Gregory Bastions (point A) and Abercrombie Bastions (point B) as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the date and times as follows:

On Sunday 30th July 2023 from 8.00 a.m. till 8.10 a.m. and from 11.30 a.m. till 11.45 a.m.

On Saturday 5th August 2023 from 9.30 a.m. till 9.40 a.m., from noon till 12.10 p.m., and from 6.30 p.m. till 6.40 p.m.

On Sunday 6th August 2023 from 8.00 a.m. till 8.10 a.m., from noon till 12.10 p.m., from 7.15 p.m. till 7.35 p.m., and from 10.00 p.m. till 10.20 p.m.

Vessels moored within 200 metres from points A and B are to be removed and the areas kept clear during the displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to navigate with caution and at slow speed when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers. Instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement personnel are to be complied with.

Chart affected: BA 177

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 144 tal-2023

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 186 tal-2022
dwar xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fuq skal
fil-Qala tal-Mistra fil-Bajja ta' San Pawl

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 186 tal-2022.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 144 of 2023

Amendment to Local Notice to Mariners No. 186 of 2022
regarding reconstruction works on a slipway
at Il-Qala tal-Mistra in Il-Bajja ta' San Pawl

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 186 of 2022.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fuq skal fil-Qala tal-Mistra fil-Bajja ta' San Pawl mhux se jitlesta fiż-żmien kif ippjanat, għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża għall-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 186 tal-2022 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 186 tal-2022 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 211

It-28 ta' Lulju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 145 tal-2023

B'żieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 8, 25, 86, 93 u 109 tal-2023 dwar żoni ristretti madwar Malta minħabba l-periklu minn ġebel li jaqa'

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li b'zieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 8, 25, 86, 93 u 109 tal-2023 dwar Żoni Ristretti madwar Malta minħabba l-periklu minn ġebel li jaqa', iż-żona li ġejja għandha tiżdied mal-lista.

Il-Ħofra ż-Żgħira – Żona ta' raġġ ta' 50m iċċentrat fuq il-pożizzjoni approssimattiva li ġejja (kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	36° 50'.124	014° 33'.617

Il-kundizzjonijiet u l-pariri kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 8 tal-2023, se jibqgħu validi u japplikaw għal din iż-żona wkoll.

Chart affettwata: BA 36

It-28 ta' Lulju, 2023

TEATRU MANOEL

Eżekuttiv Għoli tal-Palk
Espression tal-Interess

Teatru Manoel qed jilqa' applikazzjonijiet minn kandidati adattati għal Eżekuttiv Għoli tal-Palk dinamiku u esperjenzat, biex jingħaqad mat-tim fuq kuntratt għas-servizz. L-Eżekuttiv Għoli għall-Palk jaħdem biex jgħaqqad

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the reconstruction works on a slipway at Il-Qala tal-Mistra in Il-Bajja ta' San Pawl will not be completed within the time as planned. The completion date is therefore being extended to Thursday, 31st August, 2023.

Local Notice to Mariners No. 186 of 2022 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 186 of 2022 will remain valid.

Chart affected: BA 211

28th July, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 145 of 2023

Further to Local Notices to Mariners Nos 8, 25, 86, 93 and 109 of 2023 regarding restricted areas round Malta due to danger of falling rocks

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that further to Local Notices to Mariners Nos 8, 25, 86, 93 and 109 of 2023 regarding Restricted Areas round Malta due to danger of falling rocks, the following area is to be added to the list.

Il-Ħofra ż-Żgħira – An area of 50m radius centred on the following approximate position (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 50'.124	014° 33'.617

All conditions and advice mentioned in Local Notice to Mariners No. 8 of 2023, will remain valid and will apply to this area also.

Chart affected: BA 36

28th July, 2023

MANOEL THEATRE

Stage Senior Executive
Expression of Interest

Teatru Manoel is seeking applications from suitable candidates for a dynamic and experienced Stage Senior Executive to join its team on a contract for service. The Stage Senior Executive will act as a liaison amongst the various

l-individwi varji involuti fi produzzjoni teatrali, fosthom id-direttur, atturi, disinjaturi tal-kostumi, u d-dipartiment tekniku, u jassigura li l-elementi kollha tal-produzzjoni jimxu mingħajr tfixkil.

L-Eżekuttiv Għoli tal-Palk ikun responsabbli biex jiffaċiltà komunikazzjoni mad-dipartimenti kreattivi u tekniċi kollha; jissorvelja l-bini tas-settijiet, props, dwal u sound; u jieħu ħsieb l-indikazzjonijiet tekniċi waqt ix-xows. Għalkemm id-dettalji tar-rwol jinbidlu skont il-ħtieġa tal-produzzjoni artistika, l-Eżekuttiv Għoli tal-Palk huwa responsabbli mill-assigurazzjoni li l-produzzjoni timxi mingħajr tfixkil mill-ewwel prova sal-aħħar prestazzjoni għal kull produzzjoni li tittella' fit-Teatru Manoel.

Termini tal-Kuntratt għas-Servizz

Pagament: €2,189.08 fix-xahar mingħajr VAT

Termini tal-Kuntratt: Kuntratt ta' sena (1) 'Contract for Service'

Sigħat tax-Xogħol: Medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, flessibbli u skont il-ħtiġiet tat-Teatru Manoel. Is-sigħat tax-xogħol jistgħu jinkludu filgħaxijet, tmiem il-ġimgħa, u festi pubbliċi.

Kif Tapplika

Individwi interessati għandhom jibagħtu CV aġġornata, kondotta tal-Pulizija riċenti u ittra li tesprimi l-interess tal-individwu, lil (hr.mt@teatrumanoel.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 14 ta' Awwissu, 2023, f'nofsinhar u fis-suġġett tal-ittra elettronika jikkwotaw n-numru tar-referenza: HR/TM/06/2023 u l-isem tas-sottomissjoni 'Stage Senior Executive at Teatru Manoel'.

It-28 ta' Lulju, 2023

IS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal studenti li jixtiequ jsegwu karriera mas-Servizz Pubbliku ta' Malta biex jinħatru bħala ICT Support Officer meta jlestu b'suċċess kors li jwassal għal: Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks) JEW Advanced Diploma in IT (Software Development) mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.1 L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) qed ifittex li jidentifika studenti xierqa minn barra s-Servizz Pubbliku biex isegwu kors fuq bażi full-time li jwassal għal Advanced Diploma fl-IT akkreditata fil-Livell 4 tal-MQF. L-applikanti

individuals involved in a theatre production, including the director, actors, costume designer, and technical department, and ensures that all elements of the performance run smoothly.

The Stage Senior Executive will be responsible to facilitate communication across all creative and technical departments; overseeing sets, props, lights, and sound; and calling all technical cues during performances. Although the details of the role vary depending on the artistic performance in question, the Stage Senior Executive is broadly responsible for ensuring that the production runs smoothly from the first rehearsal to the final curtain call for all productions happening at Teatru Manoel.

Terms for Contract for Service

Payment:€2,189.08 per month excluding VAT

Contract term: A one (1) year 'Contract for Service'

Working hours: On average 40 hours per week, flexible and according to Teatru Manoel's needs. Working hours may include evenings, weekends, and public holidays.

How to Apply

Interested individuals should send an updated CV, a recent police conduct and a covering letter to (hr.mt@teatrumanoel.mt) by not later than Monday, 14th August, 2023 at noon quoting in the subject reference number: HR/TM/06/2023 and the submission name 'Stage Senior Executive at Teatru Manoel'.

28th July, 2023

MALTA PUBLIC SERVICE

Call for applications for students wishing to pursue a career with the Malta Public Service to be engaged as ICT Support Officer on successful completion of a course leading to a: Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks) OR Advanced Diploma in IT (Software Development) with the Malta College for Arts, Science and Technology (MCAST)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.1 The Institute for the Public Services (IPS) is seeking to identify suitable students from outside the Public Service to pursue a full-time course leading to an Advanced Diploma in IT accredited at MQF Level 4. Suitable applicants will

magħżula jsegwu dan il-kors fil-Kulleġġ Malti għax-Xjenza, Arti u Teknoloġija (MCAST) bħala studenti full-time tal-IPS.

1.2 Il-kors se jinkludi lezzjonijiet fil-klassi u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta f'oqsma relatati mal-kontenut tal-kors. L-applikanti magħżula li jiggradwaw fl-Advanced Diploma fl-IT se jinħatru bħala ICT Support Officer fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 13 fi ħdan wieħed mid-diversi ministeri fis-Servizz Pubbliku, suġġetta għat-termini, kundizzjonijiet u benefiċċji stipulati f'din iċ-ċirkulari.

1.3 Il-kors li jwassal għall-Advanced Diploma fl-IT se jibda f'Ottubru 2023 b'lezzjonijiet li jsiru skont skeda maħruġa konġuntament mill-IPS u l-MCAST u li tkopri l-lezzjonijiet fil-klassi u l-work placement. Il-kors huwa ta' sentejn (2) u huwa akkreditat fil-Livell 4 tal-Malta Qualifications Framework.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-kandidati li jintgħażlu għall-IPS Student Scheme biex jagħmlu l-Advanced Diploma Fl-IT, se jidħlu għal studju u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta skont id-direzzjoni tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.2 Il-kors isir jekk japplikaw biżżejjed studenti.

2.3 Sakemm l-Advanced Diploma tinkiseb b'suċċess, l-applikanti jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi għall-iskop tal-IPS Student Scheme **biss** u ma jistgħux japplikaw għal sejħiet interni għall-applikazzjonijiet.

2.4 Ir-remunerazzjoni hija ta' rata fis-siegħa tal-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 (€16,452.64 fl-2023) għal tal-kors. Il-Bonus u l-Income Supplement ikunu fuq bażi prorata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u leġiżlazzjonijiet rilevanti oħra. Din ir-remunerazzjoni ma taffettwax id-dritt tal-istudent għall-istipendju.

2.5 Il-kandidati jintgħażlu qabel jibda l-kors ta' studju u jiġu assenjati dmirijiet f'oqsma li huma relatati mal-kors li qed jiġi segwit. B'dan il-mod il-kandidati jkollhom l-opportunità li jkunu segwiti waqt li japplikaw l-istudji tagħhom fil-prattika matul il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

2.6 Matul is-sena skolastika l-work placement se jkun kif stabbilit fit-tfassil tal-kors, filwaqt li jsegwi ħinijiet normali tal-ġimgħa tax-xogħol matul il-vaganzi akkademiċi tas-sajf. Il-vacation leave jista' jittieħed biss waqt il-work placement. Il-leave minħabba mard u vacation leave jiġi kkalkulat fuq bażi prorata skont in-numru ta' siegħat maħduma.

2.7 Għat-tul tal-kors kemm l-IPS kif ukoll l-MCAST se jkunu qed jaqsmu informazzjoni relatata mal-istudji u l-prestazzjoni tal-istudenti.

pursue the course at the Malta College for Arts Science and Technology (MCAST) as IPS full-time students.

1.2 The course will include class work and a work placement within the Malta Public Service in areas related to the course content. The selected applicants on graduating in the Advanced Diploma in IT will be appointed ICT Support Officer at Salary Scale 13 within one of the various Ministries in the Public Service, subject to the terms, conditions and benefits stipulated in this circular.

1.3 The course leading to the Advanced Diploma in IT will commence in October 2023 with lectures held according to a timetable issued jointly by IPS and MCAST, which will cover the class and work placement. The course has a two (2) years duration and is accredited at Level 4 within the Malta Qualifications Framework.

Terms and Conditions

2.1 Candidates who are selected for the IPS Student Scheme to read for Advanced Diploma in IT will enter into a study and work placement within the Malta Public Service as directed by the Institute for the Public Services.

2.2 The course will only be held if there is sufficient uptake.

2.3 Until the successful attainment of the advanced diploma, the selected applicants will **only** be considered as public officers for the purpose of the IPS Student Scheme and cannot apply for internal calls for applications.

2.4 The remuneration is at an hourly rate of the minimum of Salary Scale 15 (€16,452.64 in 2023) for the duration of the course. Bonus and income supplement will be on a pro-rata basis in accordance with the Social Security Act and other relevant legislation. This remuneration does not affect the student's entitlement to the stipend.

2.5 Candidates will be selected prior to starting the course of study and will be posted for duty in areas that are related to the course being pursued. This will offer such candidates the opportunity of being monitored in applying their studies in practice during their working hours.

2.6 The work placement during the scholastic year will be as established in the course design and will follow normal weekly working hours during the academic summer recess. Vacation leave can be availed of only during the work placement. Sick and vacation leave will be calculated on a pro-rata basis depending on the number of hours worked.

2.7 For the duration of the course both IPS and MCAST will be sharing information related to the students' studies and performance.

2.8 Matul il-perjodu tal-work placement, l-applikanti jkunu intitolati għal leave ta' studju mhux imħallas u jistgħu ma jattendux għax-xogħol għal mhux aktar minn erbat (4) ijiem ta' xogħol qabel kull perjodu ta' eżamijiet.

2.9 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu mitluba li jieħdu l-ħatra ta' ICT Support Officer u li jservu fis-Servizz Pubbliku għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn (2) fl-oqsma tal-ICT wara li jlestu b'suċċess id-degree. Jekk tinkiseb xi kwalifika ogħla, il-persuna maħtura titħalla tipprogressa fi kwalunkwe grad ogħla fl-oqsma tal-ICT. Min jonqos li jieħu l-ħatra bħala ICT Support Officer u li jservi fis-Servizz Pubbliku għal sentejn (2) jeħel penali ta' €2,500 suġġetta għal tnaqqis prorata għal kull xahar sħiħ ta' servizz i jkun ingħata minn wara li jitlesta l-kors.

2.10 Wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors u jkunu kisbu l-Advanced Diploma fl-IT, u sabiex tiġi żgurata progressjoni xierqa fil-karriera, il-kandidati jinħatru bħala ICT Support Officer fl-2025 fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 13 (ibbażat fuq il-Ftehim Kollettiv ġdid għall-Impjegati fis-Servizz Pubbliku) u jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku skont l-ordni tal-mertu. Il-pożizzjoni ta' ICT Support Officer tinkludi progressjoni fl-ewwel snin ta' servizz.

2.11 Il-ħatra ta' ICT Support Officers tkun bi prova għal sitt (6) xhur, fuq bażi full-time, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita sabiex ikun żgurat servizz effettiv.

2.12 Waqt il-work placement, dawk appuntati, jiġu kkuntatjati mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex ikomplu kors ta' induzzjoni li japplika għalihom.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1. Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti m'għandhomx ikunu impjegati tas-Servizz Pubbliku u għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġizlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

2.8 During the placement period, applicants will be entitled to unpaid study leave and may absent themselves for up to four (4) working days prior to each examination period.

2.9 Selected candidates will be required to take up appointment as ICT Support Officer and to serve the Public Service for a period of not less than two (2) years in the area of ICT following the successful completion of the advanced diploma. On attainment of any higher qualification, the appointee will be allowed to progress to any higher grade in the areas of ICT. Failure to take up appointment as ICT Support Officer and to serve the Public Service for 2 years will incur a penalty of €2,500 subject to a pro-rata deduction for each completed month of service after successful completion of the course.

2.10 Once the applicants would have successfully completed the course and attained the Advanced Diploma in IT, and in order to ensure appropriate career progression, they will be appointed ICT Support Officer at Salary Scale 13 (based on the new Collective Agreement for Employees in the Public Service) in 2025 and will be assigned to perform duties within the Public Service according to the order of merit. The position of ICT Support Officer has a career path that includes progression in the initial years of service.

2.11 The appointment as ICT Support Officer is subject to a probationary period of six (6) months. Appointments are on a full-time basis and are subject to the rules and regulations governing the Malta Public Service and involves the possibility of being transferred within the Public Service to ensure effective service delivery.

2.12 During the work placement, appointees, will be contacted by the Institute for the Public Services to complete the applicable induction programme.

Eligibility Requirements

3.1 By the closing date and time of this call for applications, applicants must, not already be Public Service employees and must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. proficċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża

U

iii. għandhom ikunu fil-pussess ta':

a. MCAST Diploma fl-IT jew MCAST Diploma in iGaming.

JEW

b. 4 SEC/O-Level/SSC&P (Livell 3) li jridu jkunu jinkludu l-Matematika u wieħed minn dawn is-suġġetti: Studji tal-Kompjuter jew Fiżika jew Teknoloġija tal-Informatika.

L-applikanti b'għarfien tajjeb tax-xogħol tal-lingwa Ingliża se jibbenefikaw minn esperjenza ta' tagħlim aktar pożittiva matul il-kors.

JEW

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. must be in possession of:

a. an MCAST Diploma in IT or MCAST Diploma in iGaming;

OR

b. 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes which must include a pass in Mathematics and in one of the following subjects Computer Studies or Physics or Information Technology.

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a more positive learning experience throughout the course.

OR

iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin għal kunsiderazzjoni biex jissieħbu fil-programmi tal-MCAST bħala studenti maturi:

i. Ikunu fil-pussess ta' Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola sa tmiem l-istess sena kalendarja;

ii. laħqu l-età ta' 21 sena għad-dħul fi programmi fil-Livell 4 tal-MQF; u

iii. juru li huma se jibbenefikaw u li huma kapaċi jsegwu l-programm permezz ta' intervista li ssir għal dan il-għan.

3.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija fi 3.1 (iii) (a) jew (b) formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbilità ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

3.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa. L-applikanti għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra li tkun datata mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienu fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

3.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra, skont punti 3.1 sa 3.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

3.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal dak li għandu x'jaqsam mas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

4.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

c. must satisfy the following conditions for consideration to join MCAST programmes as mature students:

i. Be in possession of a School Leaving Certificate by the end of the same calendar year;

ii. attained the age of 21 years for entry to programmes at MQF Level 4; and

iii. demonstrate that they stand to benefit and show that they are able to follow the programme through an interview held for the purpose.

3.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 3.1 (iii) (a) or (b) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

3.3 Applicants must be of good conduct and must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority, which is dated not earlier than one (1) month from the date of application. They must also whether they have ever been in Government Service, giving details.

3.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 3.1 to 3.3 above, not only by the closing date and time of this call for applications but also on the date of appointment.

3.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

4.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

4.3 L-applikanti huma ġentilment mitluba jindikaw l-ewwel (1st) u t-tieni (2nd) preferenza tagħhom għall-kors rispettiv meta jissottomettu l-ittra ta' applikazzjoni tagħhom:

a) Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks); jew

b) Advanced Diploma in IT (Software Development).

Proċeduri tal-Għażla

5.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla magħmul minn rappreżentanti tal-IPS u l-MCAST sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex adatti u kommessi li jagħmlu l-kors u jekk humiex adatti u kapaċi biex eventwalment jiġu maħtura bħala ICT Support Officer. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

5.2 Fir-rigward tal-applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 3.1 (iii) (c), il-bord tal-għażla jista' jitlob lill-kandidati biex jagħmlu studji addizzjonali bħala parti mill-aċċettazzjoni tagħhom. Il-bord jirriżerva d-dritt li jevalwa l-kompetenzi tal-kandidat prospettiv permezz ta' assessment.

5.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 3.1 sa 3.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

5.4 Wara li jintgħażlu, l-applikanti jiġu rreġistrati awtomatikament mal-MCAST.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Prinċipal, Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, Diviżjoni dwar Nies u Standards, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu ittra tal-applikazzjoni (b'indikazzjoni tal-ewwel u t-tieni preferenza tal-kors), Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), kopji skennjati tal-kwalifiki li jinkludu fejn applikabbli traskrizzjonijiet, u ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-.30 p.m. (Ħin tas-Sajf Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

6.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

4.3 Applicants are kindly requested to indicate their first (1st) and second (2nd) preference for the respective course when submitting their letter of application:

a) Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks); or

b) Advanced Diploma in IT (Software Development).

Selection Procedures

5.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board composed of representatives from IPS and MCAST to determine their suitability and commitment towards following the course and their suitability and aptitude for eventual assignment as ICT Support Officer. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5.2 As regards applicants eligible under paragraph 3.1 (iii) (c), the selection board may require candidates to undertake additional studies as part of their acceptance. The board reserves the right to evaluate the prospective candidate's competences through an assessment.

5.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 3.1 to 3.4, have proven relevant work experience.

5.4 Once selected, applicants will be automatically registered with MCAST.

Submission of Applications

6.1 Applications are to be submitted to the Principal, Institute for the Public Services, People and Standards Division, Office of the Prime Minister, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a letter of application (indicating the first and second preference for the course), Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), scanned copies of qualifications including transcripts where applicable, and a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format. All documents are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European SummerTime) of Thursday, 31st August, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

6.2 It is the responsibility of the applicants not to leave it until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati.

6.4 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

7. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tal-IPS huma (https://instituteforthepublicservices.gov.mt/) u (ips@gov.mt).

It-28 ta' Lulju, 2023

IS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal studenti li jixtiequ jsegwu karriera mas-Servizz Pubbliku ta' Malta biex jinħatru bħala Senior ICT Support Officer meta jlestu b'suċċess kors li jwassal għal: Diploma in Computing f'Computer Engineering jew Computing Science JEW Diploma fl-IT f'Artificial Intelligence jew Computing and Business jew Software Development mal-Università ta' Malta

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.1 L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) qed ifittex li jidentifika studenti xierqa minn barra s-Servizz Pubbliku biex isegwu kors fuq bażi full-time li jwassal għal Diploma fil-Computing/IT akkreditat fil-Livell 5 tal-MQF. L-Applikanti

6.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) will not be accepted.

6.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

7. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of IPS are (https://instituteforthepublicservices.gov.mt/) and (ips@gov.mt).

28th July, 2023

MALTA PUBLIC SERVICE

Call for applications for students wishing to pursue a career with the Malta Public Service to be engaged as Senior ICT Support Officer on successful completion of a course leading to a: Diploma in Computing in Computer Engineering or Computing Science OR Diploma in IT in Artificial Intelligence or Computing and Business or Software Development with the University of Malta

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.1 The Institute for the Public Services (IPS) is seeking to identify suitable students from outside the Public Service to pursue a full-time course leading to a Diploma in Computing/IT accredited at MQF Level 5. Suitable

magħżula jsegwu dan il-kors fl-Università'ta' Malta (UoM) bħala studenti full-time tal-IPS.

1.2 Il-kors se jinkludi lezzjonijiet fil-klassi u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta f'oqsma relatati mal-kontenut tal-kors. L-applikanti magħżula li jiggradwaw fid-Diploma fil-Computing/IT se jinħatru bħala Senior ICT Support Officer fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 11 fi ħdan wieħed mid-diversi ministeri fis-Servizz Pubbliku, liema ħatra hija suġġetta għat-termini, kundizzjonijiet u benefiċċji stipulati f'din iċ-ċirkulari.

1.3 Il-kors li jwassal għal Diploma fil-Computing/IT se jibda f'Ottubru 2023 b'lezzjonijiet li jsiru skont skeda maħruġa konġuntament mill-IPS u l-UoM u li tkopri l-lezzjonijiet fil-klassi u l-work placement. Il-kors huwa ta' sentejn (2) u huwa akkreditat fil-Livell 5 tal-Malta Qualifications Framework.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-kandidati li jintgħażlu għall-IPS Student Scheme biex jagħmlu d-Diploma fil-Computing/IT, se jidħlu għal studju u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta skont id-direzzjoni tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.2 Il-kors isir jekk japplikaw biżżejjed studenti.

2.3 Sakemm id-diploma tinkiseb b'suċċess, l-applikanti jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi għall-iskop tal-IPS Student Scheme **biss** u ma jistgħux japplikaw għal sejħiet interni għall-applikazzjonijiet.

2.4 Ir-remunerazzjoni hija ta' rata fis-siegħa tal-minimu ta' Skala ta' Salarju 13 (€18,950.90 fl- 2023) għal tal-kors. Il-Bonus u l-Income Supplement ikunu fuq bażi prorata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u leġiżlazzjonijiet rilevanti oħra. Din ir-remunerazzjoni ma taffettwax id-dritt tal-istudent għall-istipendju.

2.5 Il-kandidati jintgħażlu qabel jibda l-kors ta' studju u jiġu assenjati dmirijiet f'oqsma li huma relatati mal-kors li qed jiġi segwit. B'dan il-mod il-kandidati jkollhom l-opportunità li jkunu segwiti waqt li japplikaw l-istudji tagħhom fil-prattika matul il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

2.6 Matul is-sena skolastika l-work placement se jkun kif stabbilit fit-tfassil tal-kors, filwaqt li jsegwi ħinijiet normali tal-ġimgħa tax-xogħol matul il-vaganzi akkademiċi tas-sajf. Il-vacation leave jista' jittieħed biss waqt il-work placement. Il-leave minħabba mard u l-vacation leave jiġu kkalkulat fuq bażi prorata skont in-numru ta' sigħat maħduma.

2.7 Għat-tul tal-kors kemm l-IPS kif ukoll l-Università ta' Malta se jkunu qed jaqsmu bejniethom informazzjoni relatata mal-istudji u l-prestazzjoni tal-istudenti.

applicants will pursue the course at the University of Malta (UoM) as IPS full-time students.

1.2 The course will include class work and a work placement within the Malta Public Service in areas related to the course content. The selected applicants on graduating in the Diploma in Computing/IT will be appointed Senior ICT Support Officer at Salary Scale 11 within one of the various Ministries in the Public Service, subject to the terms, conditions and benefits stipulated in this circular.

1.3 The course leading to the Diploma in Computing/IT will commence in October 2023 with lectures held according to a timetable issued jointly by IPS and UoM, which will cover the class and work placement. The course has a two (2) years duration and is accredited at Level 5 within the Malta Qualifications Framework.

Terms and Conditions

2.1 Candidates who are selected for the IPS Student Scheme to read for Diploma in Computing/IT will enter into a study and work placement within the Malta Public Service as directed by the Institute for the Public Services.

2.2 The course will only be held if there is sufficient uptake.

2.3 Until the successful attainment of the diploma, the selected applicants will **only** be considered as public officers for the purpose of the IPS Student Scheme and cannot apply for internal calls for applications.

2.4 The remuneration is at an hourly rate of the minimum of Salary Scale 13 (€18,950.90 in 2023) for the duration of the course. Bonus and income supplement will be on a pro-rata basis in accordance with the Social Security Act and other relevant legislation. This remuneration does not affect the student entitlement to the stipend.

2.5 Candidates will be selected prior to starting the course of study and will be posted for duty in areas that are related to the course being pursued. This will offer such candidates the opportunity of being monitored in applying their studies in practice during their working hours.

2.6 The work placement during the scholastic year will be as established in the course design and will follow normal weekly working hours during the academic summer recess. Vacation leave can be availed of only during the work placement. Sick and vacation leave will be calculated on a pro-rata basis depending on the number of hours worked.

2.7 For the duration of the course both IPS and UoM will be sharing information related to the students' studies and performance.

2.8 Matul il-perjodu tal-work placement, l-applikanti jkunu intitolati għal leave ta' studju mhux imħallas u jistgħu ma jattendux għax-xogħol għal mhux aktar minn erbat (4) ijiem ta' xogħol qabel kull perjodu ta' eżamijiet.

2.9 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu mitluba li jieħdu l-ħatra ta' Senior ICT Support Officer u li jservu fis-Servizz Pubbliku għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn (2) fl-oqsma tal-ICT wara li jlestu b'suċċess id-degree. Jekk tinkiseb xi kwalifika ogħla, il-persuna maħtura titħalla tipprogressa fi kwalunkwe grad ogħla fl-oqsma tal-ICT. Min jonqos li jieħu l-ħatra bħala Senior ICT Support Officer u li jservi fis-Servizz Pubbliku għal sentejn (2) jeħel penali ta' €2,500 suġġetta għal tnaqqis prorata għal kull xahar sħiħ ta' servizz li jkun ingħata minn wara li jitlesta l-kors.

2.10 Wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors u jkunu kisbu d-Diploma fil-Computing/IT, u sabiex tiġi żgurata progressjoni xierqa fil-karriera, il-kandidati jinħatru bħala Senior ICT Support Officer fl-2025 fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 11 (ibbażat fuq il-Ftehim Kollettiv ġdid għall-Impjegati fis-Servizz Pubbliku) u jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku skont l-ordni tal-mertu. Il-pożizzjoni ta' Senior ICT Support Officer tinkludi progressjoni fl-ewwel snin ta' servizz.

2.11 Il-ħatra ta' Senior ICT Support Officers tkun bi prova għal sitt (6) xhur, fuq bażi full-time, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali. Il-persuna maħtura hija suġġetta li tista' tiġi trasferita sabiex ikun żgurat servizz effettiv.

2.12 Waqt il-work placement, dawk appuntati, jiġu kkuntatjati mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex ikomplu kors ta' induzzjoni li japplika għalihom.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1. Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti m'għandhomx ikunu impjegati tas-Servizz Pubbliku u għandhom ikunu:

i. a. ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

2.8 During the placement period, applicants will be entitled to unpaid study leave and may absent themselves for up to four (4) working days prior to each examination period.

2.9 Selected candidates will be required to take up appointment as Senior ICT Support Officer and to serve the Public Service for a period of not less than two (2) years in the area ICT following the successful completion of the diploma. On attainment of any higher qualification, the appointee will be allowed to progress to any higher grade in the areas of ICT. Failure to take up appointment as Senior ICT Support Officer and to serve the Public Service for 2 years will incur a penalty of €2,500 subject to a pro-rata deduction for each completed month of service after successful completion of the course.

2.10 Once the applicants would have successfully completed the course and having attained the Diploma in Computing/IT, and in order to ensure appropriate career progression, they will be appointed Senior ICT Support Officer at Salary Scale 11 (based on the new Collective Agreement for Employees in the Public Service) in 2025 and will be assigned to perform duties within the Public Service according to the order of merit. The position of Senior ICT Support Officer has a career path that includes progression in the initial years of service.

2.11 The appointment as Senior ICT Support Officer is subject to a probationary period of six (6) months. Appointments are on a full-time basis and are subject to the rules and regulations governing the Malta Public Service and involves the possibility of being transferred within the Public Service for effective service delivery.

2.12 During the work placement, appointees, will be contacted by the Institute for the Public Services to complete the applicable induction programme.

Eligibility Requirements

3.1 By the closing date and time of this call for applications, applicants must, not already be Public Service employees and must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

proficjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża

U

għandhom ikunu fil-pussess ta':

Għażla 1: Diploma in Computing

(1.1 Qasam tax-Xjenza tal-Kompjuter)

Rekwiżiti Ġenerali tad-Dħul flimkien ma':

a) Żewġ 'passes' ta' Livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u fi kwalunkwe suġġett ieħor; u

b) 'Pass' fil-Livell Intermedju fi kwalunkwe suġġett (eskluži s-suġġetti ppreżentati fil-Livell Avvanzat)

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. must be in possession of:

Option 1: Diploma in Computing

(1.1 Computing Science Area)

General Entry Requirements together with:

a) Two Advanced Level passes at Grade C or better in Pure Mathematics and in any other subject; and

b) An Intermediate Level pass in any subject (excluding the subjects presented at Advanced Level)

JEW

Iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Fondazzjoni tal-ICT mill-Università ta' Malta

JEW

Ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li applikaw għalih, bħala 'Studenti Adulti'.

(1.2 Żona tal-Inġinerija tal-Kompjuter)

Rekwiżiti Ġenerali tad-Dħul flimkien ma':

a) Żewġ 'passes' ta' Livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: Matematika Applikata, Bijoloġija, Kimika, Kompjuter u Fiżika; u

b) 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Fiżika, jekk mhux ippreżentat fil-Livell Avvanzat

JEW

Iċ-Ċertifikat fix-Xjenzi tal-Inġinerija mill-Università ta' Malta

JEW

Iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Fondazzjoni tal-ICT mill-Università ta' Malta

JEW

'Pass' fl-Eżami taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja inklużi l-Lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Malti; u

ii. L-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) f'qasam meqjus bħala rilevanti għall-kors

JEW

Ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li applikaw għalih, bħala 'Studenti Adulti'.

Għażla 2: Diploma fl-Information Technology

(2.1 Software Development Area)

Rekwiżiti Ġenerali tad-Dħul flimkien ma':

a) Żewġ 'passes' ta' Livell Avvanzat fil-Grad Ċ jew aħjar magħżula mis-suġġetti li ġejjin: Matematika Applikata,

OR

The Certificate in ICT Foundation Studies from the University of Malta

OR

Will have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, as 'Adult Learners'.

(1.2 Computer Engineering Area)

General Entry Requirements together with:

a) Two Advanced Level passes at Grade C or better in Pure Mathematics and in one of the following subjects: Applied Mathematics, Biology, Chemistry, Computing and Physics; and

b) An Intermediate Level pass in Physics, if not presented at Advanced Level

OR

The Certificate in Engineering Sciences from the University of Malta

OR

The Certificate in ICT Foundation Studies from the University of Malta

OR

i. Passes in the Secondary Education Certificate Examination including English Language, Mathematics and Maltese; and

ii. The MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in an area deemed to be relevant to the course

OR

Will have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, as 'Adult Learners'.

Option 2: Diploma in Information Technology

(2.1 Software Development Area)

General Entry Requirements together with:

a) Two Advanced Level passes at Grade C or better chosen from the following subjects: Applied Mathematics, Biology,

Bijoloġija, Kimika, Kompjuter, Ekonomija, Ingliż, Teknoloġija tal-Informatika, Filosofija, Fiżika, Matematika Pura; u

b) 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura (jekk mhux offrut fil-Livell Avvanzat); u

c) Pass fil-Livell Intermedju fil-Kompjuter (jekk mhux offrut f'Livell Avvanzat); jew Teknoloġija tal-Informatika (jekk mhux offrut f'Livell Avvanzat)

JEW

Iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Fondazzjoni tal-ICT mill-Università ta' Malta

JEW

i. Ħames 'passes' fl-Eżami taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż il-Lingwa Ingliża u l-Lingwa Maltija; u

ii. 'Pass' ta' Livell Intermedju fis-Sistemi ta' Għarfien; u

iii. 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura, jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-fini tar-Regolamenti tad-Dħul; u

iv. Diploma of the City and Guilds of London Institute Kors Nru. 7235 fl-Applied Information Technology jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing jew kwalunkwe kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta meqjusa bħala ekwivalenti

JEW

Ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li applikaw għalih, bħala 'Studenti Adulti'.

(2.2 Computing and Business Area)

Rekwiżiti Ġenerali tad-Dħul flimkien ma':

a) 'Pass' Livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar fi tnejn mis-suġġetti li ġejjin: Kontabbilità, Matematika Applikata, Bijoloġija, Kimika, Kompjuter, Ekonomija, Ingliż, Teknoloġija tal-Informatika, Marketing, Filosofija, Fiżika, Matematika Pura; u

b) 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura (jekk mhux offrut fil-Livell Avvanzat); u

Chemistry, Computing, Economics, English, Information Technology, Philosophy, Physics, Pure Mathematics; and

b) An Intermediate Level pass at Grade C or better in Pure Mathematics (if not offered at Advanced Level); and

c) An Intermediate Level pass in Computing (if not offered at Advanced Level); or Information Technology (if not offered at Advanced Level)

OR

The Certificate in ICT Foundation Studies from the University of Malta

OR

i. Five passes in the Secondary Education Certificate Examination, including English Language and Maltese Language; and

ii. An Intermediate Level pass in Systems of Knowledge; and

iii. An Intermediate Level pass at Grade C or better in Pure Mathematics, or at a corresponding level of other examinations recognised by Senate for the purpose of the Admissions Regulations; and

iv. Either a Diploma of the City and Guilds of London Institute Course No. 7235 in Applied Information Technology or the MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing or any other qualification from a recognised institution considered to be equivalent

OR

Will have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, as 'Adult Learners'.

(2.2 Computing and Business Area)

General Entry Requirements together with:

a) Advanced Level passes at Grade C or better in two of the following subjects: Accounting, Applied Mathematics, Biology, Chemistry, Computing, Economics, English, Information Technology, Marketing, Philosophy, Physics, Pure Mathematics; and

b) An Intermediate Level pass at Grade C or better in Pure Mathematics (if not offered at Advanced Level); and

c) 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Computing (jekk mhux offrut f'Livell Avvanzat) jew fit-Teknoloġija tal-Informatika (jekk mhux offrut f'Livell Avvanzat

JEW

Iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Fondazzjoni tal-ICT mill-Università ta' Malta

JEW

i. Ħames 'passes' fl-Eżami taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż il-Lingwa Ingliża u l-Lingwa Maltija; u

ii. 'Pass' ta' Livell Intermedju fis-Sistemi ta' Għarfien; u

iii. 'Pass' fil-Livell Intermedju fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura, jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-fini tar-Regolamenti tad-Dħul; u

iv. Diploma of the City and Guilds of London Institute Kors Nru. 7235 fl-Applied Information Technology jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing jew kwalunkwe kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta meqjusa bħala ekwivalenti

JEW

Ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li applikaw għalih, bħala 'Studenti Adulti'

(2.3 Artificial Intelligence Area)

Rekwiżiti Ġenerali ta' Dħul flimkien ma' żewġ 'passes' fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u l-Kompjuter sakemm wieħed minn dawn il-'passes' ikun fil-Livell Avvanzat u l-'pass' l-ieħor ikun mill-inqas fil-Livell Intermedju

JEW

Iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Fondazzjoni tal-ICT mill-Università ta' Malta

JEW

i. 'Pass' ta' Livell Avvanzat fil-Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura, jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-fini tar-Regolamenti tad-Dħul; u

c) An Intermediate Level pass in Computing (if not offered at Advanced Level) or Information Technology (if not offered at Advanced Level)

OR

The Certificate in ICT Foundation Studies from the University of Malta

OR

i. Five passes in the Secondary Education Certificate Examination, including English Language and Maltese Language; and

ii. An Intermediate Level pass in Systems of Knowledge; and

iii. An Intermediate Level pass at Grade C or better in Pure Mathematics, or at a corresponding level of other examinations recognised by Senate for the purpose of the Admissions Regulations; and

iv. Either a Diploma of the City and Guilds of London Institute Course No. 7235 in Applied Information Technology or the MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing or any other qualification from a recognised institution considered to be equivalent

OR

Will have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, as 'Adult Learners'.

(2.3 Artificial Intelligence Area)

General Entry Requirements together with two passes at Grade C or better in Pure Mathematics and Computing provided that one of these passes is at Advanced Level and the other pass is at least at Intermediate Level

OR

The Certificate in ICT Foundation Studies from the University of Malta

OR

i. An Advanced Level pass at Grade C or better in Pure Mathematics, or at a corresponding level of other examinations recognised by Senate for the purpose of the Admissions Regulations; and

ii. Diploma of the City and Guilds of London Institute Kors Nru. 7235 fl-Applied Information Technology jew l-MCAST-BTEC Extended Diploma fl-IT jew l-MCAST Advanced Diploma in IT jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing

JEW

Ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li applikaw għalih, bħala 'Studenti Adulti'

Dan ta' hawn taħt japplika għall-korsijiet kollha ta' hawn fuq:

L-applikanti għandhom ikunu ammessi għal kwalunkwe korsijiet ta' hawn fuq jekk ikunu laħqu l-età ta' 23 sena sal-bidu tal-ewwel semestru tal-kors li għalih applikaw, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'Studenti Adulti', u jiġu ġġudikati li jkunu eliġibbli għad-dħul mill-Bord tad-Dħul fuq il-bażi ta' valutazzjoni biex jiġi determinat jekk dawn l-applikanti humiex kapaċi jilħqu l-istess standards akkademiċi bħall-applikanti ammessi skont ir-regolament 12 fl-UoM;

3.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbilità ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

3.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa. L-applikanti għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra li tkun datata mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienu fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

3.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra, skont punti 3.1 sa 3.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

3.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal dak li għandu x'jaqsam mas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

ii. Either a Diploma of the City and Guilds of London Institute Course No. 7235 in Applied Information Technology or the MCAST-BTEC Extended Diploma in IT or the MCAST Advanced Diploma in IT or the MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing

OR

Will have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, as 'Adult Learners'

The below applies for all above courses:

Applicants shall be admitted to any of the courses above if they have reached the age of 23 by the beginning of the first semester of the course for which they applied, hereinafter referred to as 'Adult Learners', and are judged to be eligible for admission by the Admissions Board on the basis of an assessment to determine whether such applicants are able to achieve the same academic standards as applicants admitted in terms of regulation 12 of the UoM.

3.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

3.3 Applicants must be of good conduct and must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority which is dated not earlier than one (1) month from the date of application. They must also state whether they have ever been in Government Service, giving details.

3.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 3.1 to 3.3 above, not only by the closing date and time of this call for applications but also on the date of appointment.

3.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

4.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

4.3 L-applikanti huma ġentilment mitluba jindikaw l-ewwel (1st) u t-tieni (2nd) preferenza tagħhom għall-kors rispettiv meta jissottomettu l-ittra ta' applikazzjoni tagħhom:

a) Diploma in Computing (Computer Engineering);
b) Diploma in Computing (Computing Science);
c) Diploma in IT (Artificial Intelligence);
d) Diploma in IT (Computing and Business); jew
e) Diploma in IT (Software Development).

Proċeduri tal-Għażla

5.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla magħmul minn rappreżentanti tal-IPS u l-UoM sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex adatti u kommessi li jagħmlu l-kors u jekk humiex adatti u kapaċi biex eventwalment jiġu maħtura bħala Senior ICT Support Officer. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

5.2 Fir-rigward tal-applikanti eliġibbli l-bord tal-għażla jista' jitlob lill-kandidati biex jagħmlu studji addizzjonali bħala parti mill-aċċettazzjoni tagħhom. Il-bord jirriżerva d-dritt li jevalwa l-kompetenzi tal-kandidat prospettiv permezz ta' assessment.

5.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 3.1 sa 3.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

5.4 Wara li jintgħażlu, l-applikanti jiġu rreġistrati awtomatikament mal-UoM.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Prinċipal, Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, Diviżjoni dwar Nies u Standards, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu ittra tal-applikazzjoni (b'indikazzjoni tal-ewwel u t-tieni preferenza tal-kors) Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), kopji skennjati tal-kwalifiki li

Submission of Supporting Documentation

4.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

4.3 Applicants are kindly requested to indicate their first (1st) and second (2nd) preference for the respective course when submitting their letter of application:

a) Diploma in Computing (Computer Engineering);
b) Diploma in Computing (Computing Science);
c) Diploma in IT (Artificial Intelligence);
d) Diploma in IT (Computing and Business); or
e) Diploma in IT (Software Development).

Selection Procedures

5.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board composed of representatives from IPS and UoM to determine their suitability and commitment towards following the course and their suitability and aptitude for eventual assignment as Senior ICT Support Officer. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5.2 As regards applicants eligibility the selection board may require candidates to undertake additional studies as part of their acceptance. The board reserves the right to evaluate the prospective candidate's competences through an assessment.

5.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 3.1 to 3.4, have proven relevant work experience.

5.4 Once selected, applicants will be automatically registered with UoM.

Submission of Applications

6.1 Applications are to be submitted to the Principal, Institute for the Public Services, People and Standards Division, Office of the Prime Minister, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a letter of application (indicating the first and second preference for the course), Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by the applicant), scanned copies of qualifications including

jinkludu fejn applikabbli traskrizzjonijiet, u ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin tas-Sajf Ċentrali Ewropew) ta' nhar il- Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

6.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati.

6.4 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

7. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (https://instituteforthepublicservices.gov.mt/) u (ips@gov.mt).

It-28 ta' Lulju, 2023

transcripts where applicable, and a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format. All documents are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Summer Time) of Thursday, 31st August, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

6.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

6.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) will not be accepted.

6.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

7. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (https://instituteforthepublicservices.gov.mt/) and (ips@gov.mt).

28th July, 2023

IS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal studenti li jixtiequ jsegwu karriera mas-Servizz Pubbliku ta' Malta biex jinħatru bħala Manager meta jlestu b'suċċess kors li jwassal għal Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.1 L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) qed ifittex li jidentifika studenti xierqa minn barra s-Servizz Pubbliku biex isegwu kors fuq bażi full-time li jwassal għal Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi akkreditat f'Livell 6 tal-MQF. L-applikanti magħżula jsegwu dan il-kors fil-Kulleġġ Malti għax-Xjenza, Arti u Teknoloġija (MCAST) bħala studenti full-time tal-IPS.

1.2 Il-kors se jinkludi lezzjonijiet fil-klassi u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta f'oqsma relatati mal-kontenut tal-kors. L-applikanti magħżula li jiggradwaw fil-Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi jinħatru bħala Manager fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 10 fi ħdan wieħed mid-diversi ministeri fis-Servizz Pubbliku, liema ħatra hija suġġetta għat-termini, kundizzjonijiet u benefiċċji stipulati f'din iċ-ċirkulari.

1.3 Il-kors li jwassal għal Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi se jibda f'Ottubru 2023 b'lezzjonijiet li jsiru skont skeda maħruġa konġuntament mill-IPS u l-MCAST u li tkopri l-lezzjonijiet fil-klassi u l-work placement. Il-kors huwa ta' tliet (3) snin u huwa akkreditat fil-Livell 6 tal-Malta Qualifications Framework.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-kandidati li jintgħażlu għall-IPS Student Scheme biex jagħmlu l-Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi, se jidħlu għal studju u work placement fis-Servizz Pubbliku ta' Malta skont id-direzzjoni tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.2 Il-kors isir jekk japplikaw biżżejjed studenti.

2.3 Sakemm id-degree jinkiseb b'suċċess, l-applikanti jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi għall-iskop tal-IPS Student Scheme **biss** u ma jistgħux japplikaw għal sejħiet interni għall-applikazzjonijiet.

2.4 Ir-remunerazzjoni hija ta' rata fis-siegħa tal-minimu ta' Skala ta' Salarju 13 (€18,950.90 fl-2023) għall-ewwel sentejn (2) tal-kors u b'rata fis-siegħa tal-minimu ta' Skala ta' Salarju 10 fl-2025 (skont il-ftehim kollettiv għall-impjegati fis-servizz pubbliku l-ġdid) għal tul it-tielet u l-aħħar sena tal-kors, għal dawk is-siegħat maħduma waqt il-work

MALTA PUBLIC SERVICE

Call for applications for students wishing to pursue a career with the Malta Public Service to be engaged as Manager, on successful completion of a course leading to a Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.1 The Institute for the Public Services (IPS) is seeking to identify suitable students from outside the Public Service to pursue a full-time course leading to a Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance accredited at MQF Level 6. Suitable applicants will pursue the course at the Malta College for Arts Science and Technology (MCAST) as IPS full-time students.

1.2 The course will include class work and a work placement within the Malta Public Service in areas related to the course content. The selected applicants, on graduating in the Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance, will be appointed Manager at Salary Scale 10 within one of the various Ministries in the Public Service, subject to the terms, conditions and benefits stipulated in this circular.

1.3 The course leading to the Bachelor of Arts (Honours) degree in Procurement and Finance will commence in October 2023 with lectures held according to a timetable issued jointly by IPS and MCAST, which will cover the class and work placement. The course has a three (3) year duration and is accredited at Level 6 within the Malta Qualifications Framework.

Terms and Conditions

2.1 Candidates who are selected for the IPS Student Scheme to read for Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance, will enter into a study and work placement within the Malta Public Service as directed by the Institute for the Public Services.

2.2 The course will only be held if there is sufficient uptake.

2.3 Until the successful attainment of the degree, the selected applicants will **only** be considered as public officers for the purpose of the IPS Student Scheme and cannot apply for internal calls for applications.

2.4 The remuneration is at an hourly rate of the minimum of Salary Scale 13 (€18,950.90 in 2023) for the first 2 years of the course and at an hourly rate of the minimum of Salary Scale 10 in 2025 (based on the new Collective Agreement for Employees in the Public Service) during the third year of the course, for any hours worked during work placement.

placement. Il-Bonus u l-Income Supplement ikunu fuq bażi prorata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u leġiżlazzjonijiet rilevanti oħra. Din ir-remunerazzjoni ma taffettwax id-dritt tal-istudent għall-istipendju.

2.5 Il-kandidati jintgħażlu qabel jibda l-kors ta' studju u jiġu assenjati dmirijiet f'oqsma li huma relatati mal-kors li qed jiġi segwit. B'dan il-mod il-kandidati jkollhom l-opportunità li jkunu segwiti waqt li japplikaw l-istudji tagħhom fil-prattika matul il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

2.6 Matul is-sena skolastika l-work placement se jkun kif stabbilit fit-tfassil tal-kors, filwaqt li jsegwi ħinijiet normali tal-ġimgħa tax-xogħol matul il-vaganzi akkademiċi tas-sajf. Il-vacation leave jista' jittieħed biss waqt il-work placement. Il-leave minħabba mard u l-vacation leave jiġu kkalkulati fuq bażi prorata skont in-numru ta' sigħat maħduma.

2.7 Għat-tul tal-kors kemm l-IPS kif ukoll l-MCAST se jkunu qed jaqsmu informazzjoni relatata mal-istudji u l-prestazzjoni tal-istudenti.

2.8 Matul il-perjodu tal-work placement, l-applikanti jkunu intitolati għal leave ta' studju mhux imħallas u jistgħu ma jattendux għax-xogħol għal mhux aktar minn erbat (4) ijiem ta' xogħol qabel kull perjodu ta' eżamijiet.

2.9 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu mitluba li jieħdu l-ħatra ta' Manager u li jservu fis-Servizz Pubbliku għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin fl-oqsma tal-Procurement u l-Finanzi wara li jlestu b'suċċess id-degree. Jekk tinkiseb xi kwalifika ogħla, il-persuna maħtura titħalla tipprogressa fi kwalunkwe grad ogħla fl-oqsma tal-Procurement u l-Finanzi. Min jonqos li jieħu l-ħatra bħala Manager u li jservi fis-Servizz Pubbliku għal ħames (5) snin jeħel penali ta' €4,000 suġġetta għal tnaqqis prorata għal kull xahar sħiħ ta' servizz li jkun ingħata minn wara li jitlesta l-kors.

2.10 Wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors u jkunu kisbu l-Bachelor of Arts (Honours) fil-Procurement u l-Finanzi, u sabiex tiġi żgurata progressjoni xierqa fil-karriera, il-kandidati jinħatru bħala Manager fl-2026 fil-livell ta' responsabbiltà ta' Skala ta' Salarju 10 (skont il-ftehim kollettiv ġdid għall-impjegati fis-Servizz Pubbliku) u jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku skont l-ordni tal-mertu. Il-pożizzjoni ta' Manager tinkludi progressjoni fl-ewwel snin ta' servizz.

2.11 Il-ħatra ta' Manager tkun bi prova għal tnax-il (12) xahar, fuq bażi full-time, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali. Il-persuna maħtura hija suġġetta li tista' tiġi trasferita sabiex ikun żgurat servizz iktar effettiv.

Bonus and income supplement will be on a pro-rata basis in accordance with the Social Security Act and other relevant legislation. This remuneration does not affect the student's entitlement to the stipend.

2.5 Candidates will be selected prior to starting the course of study and will be posted for duty in areas that are related to the course being pursued. This will offer such candidates the opportunity of being monitored in applying their studies in practice during their working hours.

2.6 The work placement during the scholastic year will be as established in the course design and will follow normal weekly working hours during the academic summer recess. Vacation leave can be availed of only during the work placement. Sick and vacation leave will be calculated on a pro-rata basis depending on the number of hours worked.

2.7 For the duration of the course both IPS and MCAST will be sharing information related to the students' studies and performance.

2.8 During the placement period, applicants will be entitled to unpaid study leave and may absent themselves for up to four (4) working days prior to each examination period.

2.9 Selected candidates will be required to take up appointment as Manager and to serve the Public Service for a period of not less than five (5) years in the areas of Procurement and Finance following the successful completion of the degree. On attainment of any higher qualification, the appointee will be allowed to progress to any higher grade in the areas of Procurement and Finance. Failure to take up appointment as Manager and to serve the Public Service for 5 years will incur a penalty of €4,000 subject to a pro-rata deduction for each completed month of service after successful completion of the course.

2.10 Once the applicants would have successfully completed the course and attained the Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance, and in order to ensure appropriate career progression, they will be appointed Manager at Salary Scale 10 (based on the new Collective Agreement for Employees in the Public Service) in 2026 and will be assigned to perform duties within the Public Service. An order of merit will be established jointly between IPS and MCAST at the end of the course. The position of Manager has a career path that includes progression in the initial years of service.

2.11 The appointment of Manager is subject to a probationary period of twelve (12) months. Appointments are on a full-time basis and are subject to the rules and regulations governing the Malta Public Service and involves the possibility of being transferred within the Service to ensure effective service delivery.

2.12 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jieħdu l-konferma tal-ħatra tagħhom.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1. Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti m'għandhomx ikunu impjegati tas-Servizz Pubbliku u għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġizlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u

2.12 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be confirmed in their appointment.

Eligibility Requirements

3.1 By the closing date and time of this call for applications, applicants must not already be Public Service employees and must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act

leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

proficjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża

U

għandhom ikunu:

fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF jew ogħla (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'xi wieħed minn dawn is-suġġetti: Business Administration, Accounting, Management, Finanzi, Insurance, Ekonomija, Marketing, Procurement;

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/EVCET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 120 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

JEW

fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat, li jridu jinkludu wieħed minn dawn is-suġġetti: Accounts jew Ekonomija jew Marketing; U żewġ (2) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola jew kwalifika komparabli u rikonoxxuta;

JEW

c. iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin biex jiġu kunsidrati biex jissieħbu fil-programmi tal-MCAST bħala studenti maturi:

i. ikunu fil-pussess taċ-Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola;

ii. laħqu l-età ta' 23 sena sal-31 ta' Diċembru, 2022; u

iii. juru li huma se jibbenefikaw minn u li huma kapaċi jsegwu l-programm permezz ta' intervista li ssir għal dan il-għan.

3.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 3.1 (iii) (a) jew (b) jew kif indikat f'paragrafu 3.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors. L-istudenti jridu jkunu ġabu l-kwalifika sal-25 ta' Awwissu, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, l-istudent jiġi skwalifikat mill-kors.

and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. must be:

a. in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or higher, (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) with subject content in any of the following: Business Administration, Accounting, Management, Finance, Insurance, Economics, Marketing, Procurement;

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 120 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

OR

b. in possession of two (2) subjects at Advanced Level, one of which must include a pass in one of the following subjects: Accounts or Economics or Marketing; AND two (2) subjects at Intermediate Matriculation Level or a recognised comparable qualification;

OR

c. must satisfy the following conditions for consideration to join MCAST programmes as mature students:

i. be in possession of a School Leaving Certificate;

ii. have, by 31st December 2022 attained the age of 23 years; and

iii. demonstrate that they stand to benefit and show that they are able to follow the programme through an interview held for the purpose.

3.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualifications specified in paragraphs 3.1 (iii) (a) or (b) or else as indicated in paragraph 3.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase leading to such qualifications. Students must have obtained the qualifications by 25th August 2023. If the stipulated deadline for the attainment of such qualifications is not met, the student will be disqualified from the course.

3.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa. L-applikanti għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra li tkun datata mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienu fis-Servizz tal-Gvern u jagħtu d-dettalji.

3.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra, skont punti 3.1 sa 3.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

3.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal dak li għandu x'jaqsam mas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

4.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

5.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla magħmul minn rappreżentanti tal-IPS u l-MCAST sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex adatti u kommessi li jagħmlu l-kors u jekk humiex adatti u kapaċi biex eventwalment jiġu maħtura bħala Manager. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

5.2 Fir-rigward tal-applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 3.1 (iii) (c), il-bord tal-għażla jista' jitlob lill-kandidati biex jagħmlu studji addizzjonali bħala parti mill-aċċettazzjoni tagħhom. Il-bord jirriżerva d-dritt li jevalwa l-kompetenzi tal-kandidat prospettiv permezz ta' assessment.

5.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 3.1 sa 3.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

5.4 Wara li jintgħażlu, l-applikanti jiġu rreġistrati awtomatikament mal-MCAST.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Prinċipal, Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, Diviżjoni dwar Nies u

3.3 Applicants must be of good conduct and must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority, which is dated not earlier than one (1) month from the date of application. They must also state whether they have ever been in Government Service, giving details.

3.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 3.1 to 3.3 above, not only by the closing date and time of this call for applications but also on the date of appointment.

3.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

4.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

4.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

5.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board composed of representatives from IPS and MCAST to determine their suitability and commitment towards following the course and their suitability and aptitude for eventual assignment as Manager. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5.2 As regards applicants eligible under paragraph 3.1 (iii) (c), the selection board may require candidates to undertake additional studies as part of their acceptance. The board reserves the right to evaluate the prospective candidate's competences through an assessment.

5.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 3.1 to 3.4, have proven relevant work experience.

5.4 Once selected, applicants will be automatically registered with MCAST.

Submission of Applications

6.1 Applications are to be submitted to the Principal, Institute for the Public Services, through the Recruitment

Standards, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), kopji scanned tal-kwalifiki li jinkludu fejn applikabbli transcripts, u ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin tas-Sajf Ċentrali Ewropew) nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

6.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati.

6.4 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

7. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (https://publicservice.gov.mt/en/institute/Pages/Home.aspx) u (ips@gov.mt).

It-28 ta' Lulju, 2023

Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), scanned copies of qualifications including transcripts where applicable, and a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format. All documents are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Summer Time) on Thursday, 31st August, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

6.2 It is the responsibility of the applicants not to leave it until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

6.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) will not be accepted.

6.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

7. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (https://publicservice.gov.mt/en/institute/Pages/Home.aspx) and (ips@gov.mt).

28th July, 2023

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' Research Analyst (Servizzi ta' Appoġġ) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Research Analyst (Servizzi ta' Appoġġ) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Research Analyst fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Research Analyst hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' fiduċja, il-pożizzjoni ta' Research Analyst tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

2.6 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mir-Research Analyst matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.7 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Research Analyst.

2.8 a. L-ingaġġ bħala Research Analyst huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of Research Analyst (Support Services) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, invites applications for the position of Research Analyst (Support Services) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Research Analyst in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Research Analyst is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Research Analyst constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

2.6 Unsatisfactory performance as Research Analyst during any time of this assignment period will lead to termination of the agreement.

2.7 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Research Analyst.

2.8 a. The engagement as Research Analyst is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.9 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-Pożizzjoni ta' Research Analyst jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Research Analyst. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Research Analyst.

2.10 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Research Analyst, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Research Analyst.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Post Aġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Research Analyst huwa ekwivalenti għal inkriment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (ekwivalenti għal €26,731.44 fl-2023), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, ir-Research Analyst se jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Research Analyst b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f'dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, ir-Research Analyst ikun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER Ġunju 2015 V1.1) li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Research Analyst jinkludu li:

Ir-Research Analyst jappoġġja l-ħidma tal-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (PREU) u t-tim usa' tal-PREU. Ir-Research Analyst jirrapporta direttament lir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u jrid ikun jista' jaħdem b'mod indipendenti skont il-proċeduri interni rilevanti tal-Gvern u tal-PREU.

Ir-Research Analyst jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti, inkluż l-għoti ta' pariri lir-Rappreżentant Permanenti u lill-entitajiet rilevanti

2.9 Public Sector employees selected for the position of Research Analyst must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Research Analyst before signing their Agreement as Research Analyst.

2.10 In the case of a selected candidate emanating from a Public Sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Research Analyst, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Research Analyst.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post Adjustment Allowances attached to the position of a Research Analyst is equivalent to the maximum step of Salary Scale 9 less an increment (equivalent to €26,731.44 in 2023), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one (1) year service, whichever is the latter. In addition, the Research Analyst will be granted the financial allowances and benefits provided for in the Conditions of Service for Officers Serving Overseas.

3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Research Analyst at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 For the duration of the Agreement, the Research Analyst shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER June 2015 V1.1) and which may be updated from time t time.

Duties

4. The job duties for the position of Research Analyst include:

The Research Analyst supports the work of the Cabinet of the Permanent Representative within the Permanent Representation of Malta to the European Union (PREU) and the wider PREU team. The Research Analyst reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and must be able to work independently in line with the relevant Government and PREU internal procedures.

The Research Analyst is responsible for supporting the work of the Cabinet of the Permanent Representative, including providing advice to the Permanent Representative

oħra fi ħdan il-Gvern. Ir-Research Analyst ikun responsabbli wkoll għall-kordinazzjoni ta' kwalunkwe kompitu u s-segwitu ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mal-qasam ta' responsabbiltà fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti. Ir-Research Analyst huwa responsabbli wkoll biex iżomm lir-Rappreżentant Permanenti aġġornat dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti fil-qasam tar-responsabbiltà.

Sfond li jippermetti lir-Research Analyst jifhem il-kumplessitajiet u jagħti rispons lura dwar kwistjonijiet diversi marbuta mal-ġestjoni tad-dokumenti inkluż it-trattament u d-distribuzzjoni ta' Informazzjoni Klassifikata tal-UE, kif ukoll familjarità mal-istruttura ta' kordinazzjoni ġenerali ta' Malta dwar kwistjonijiet relatati mal-UE jkunu ta' vantaġġ.

Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

Qasam Estern

i. Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill kif mitlub, fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fil-Kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-Noti ta' Istruzzjoni li għalihom ir-Research Analyst irid ikun jista' jikkontribwixxi wkoll;

ii. Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-Lista ta' Distribuzzjoni approvata, kif ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown jew messaġġ, dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-Ministeru kkonċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti;

iii. Isegwi/shadowing (skont il-każ) il-laqgħat ta' Gruppi ta' Ħidma u Kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u tal-Kumitati tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta;

iv. Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma u l-iżviluppi fid-diversi istituzzjonijiet, Korpi u Aġenziji tal-UE kif ukoll fi Stati Membri fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u Istituzzjonijiet, Korpi u Aġenziji oħra tal-UE, biex titressaq il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

v. Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi kkonċernati tal-Gvern f'Malta;

and to other relevant entities within the Government. The Research Analyst is also responsible for coordinating any tasks and following any issues related to the area of responsibility within the Permanent Representation. The Research Analyst is also responsible for keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in the area of responsibility.

A background that enables the Research Analyst to understand the complexities and give feedback on the different issues relating to the management, including handling and distribution of EU Classified Information as well as a good understanding of Malta's overall coordination structure on EU related matters will be an asset.

This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

External

i. Representing Malta in meetings of the Council preparatory bodies as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required, putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the Instruction Notes to which the Research Analyst must also be able to contribute;

ii. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone/message, the Ministry concerned, the EU Coordination Department and the Permanent Representative in the event of immediate issues;

iii. Shadowing/following (as the case may be) Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta;

iv. Following up and reporting on the work and developments related to the relevant policy area in the various EU Institutions, Bodies and Agencies and in other Member States, as well as engaging actively with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, European Parliament and other EU Institutions, Bodies and Agencies to put forward Malta's position as required;

v. Coordinating the follow-up of any issues arising at the abovementioned meetings/reports/proposals as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

vi. Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-COREPER kif ukoll f'kull laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni;

vii. Jikkompila u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat imsemmija f'(vi) immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett skont il-proċeduri stabbiliti;

viii. Jieħu l-inizjattiva biex jiġu organizzati laqgħat b'mod regolari ma' kontropartijiet jew ma' rappreżentanti oħra mill-Istati Membri l-oħra, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u minn Istituzzjonijiet, Korpi u Aġenziji tal-UE oħra sabiex jissaħħu l-kuntatti ta' Malta u jiġu żviluppati kuntatti produttivi li jħallu l-frott, ma' Stati Membri oħra u mal-Istituzzjonijiet, l-Korpi u l-Aġenziji l-oħra kollha tal-UE bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-pożizzjoni ta' Malta tkun mifhuma, apprezzata u meqjusa;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

Qasam Intern

i. Isegwi, kuljum, dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, partikolarment dawk li huma ta' ħassib partikolari għal Malta u jirrapporta dwar dawn;

ii. Isegwi u jżomm rekord tal-iskadenzi interni u barranin relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni u jżomm kuntatt mat-Taqsimiet rilevanti fir-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi tal-Gvern xierqa f'Malta, sabiex jiġi assigurat li dawn l-iskadenzi jintlaħqu b'mod f'waqtu u b'mod effiċjenti;

iii. Iżomm rekord tal-iżviluppi relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, jiġbor u jiskrutinja dokumentazzjoni rilevanti maħruġa mill-Istituzzjonijiet tal-UE u fora oħra tal-UE, kif ukoll rapporti tal-midja u jibgħat kwalunkwe dokumentazzjoni, informazzjoni u pariri meħtieġa lir-Rappreżentant Permanenti u uffiċjali oħra (fi Brussell jew ibbażati f'Malta) kif xieraq;

iv. Jipprovdi servizzi ta' appoġġ meħtieġa lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti, inkluż permezz ta' ħidma max-Chef de Cabinet fir-rigward ta' kordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Rappreżentanza Permanenti (inkluż il-proċess tal-clearance), kif ukoll monitoraġġ u l-iżgurar tal-ġestjoni effettiva u l-produzzjoni effettiva tal-unitajiet tar-Rappreżentanza Permanenti;

v. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni ta' kull eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni;

vi. Participating in the Council and other EU-related ministerial meetings, COREPER meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

vii. Compiling and sending timely reports of the meetings referred to in (vi) immediately after the completion of the meeting according to established procedures;

viii. Taking the initiative to set up and hold regular meetings with counterparts from, or representatives of the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other EU Institutions, Bodies and Agencies in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive networks with other Member States and all the other EU Institutions, Bodies and Agencies with a view to ensuring that Malta's position is understood, appreciated and taken on board;

ix. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

i. Following, on a daily basis, items falling under this position's area/s of responsibility, particularly those which are of particular concern to Malta and reporting on these;

ii. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area/s of responsibility and liaising with the relevant Units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

iii. Keeping track of developments related to this position's area/s of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora as well as media reports and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

iv. Providing the necessary support services within the Cabinet of the Permanent Representative, including through working with the Chef de Cabinet in the coordination of the activities of the Permanent Representation and its units (including the clearance process) and by monitoring and ensuring the effective management and output of the relevant units within the Permanent Representation;

v. Providing input, as required, to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of any data collation exercise;

vi. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għal-laqgħat tal-COREPER II, COREPER I u PSC, kif ukoll kwalunkwe laqgħa oħra tar-Rappreżentant Permanenti;

vii. Jipprovdi kontribut lill-Ministeru konċernat għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għall-Kunsill u għal-laqgħat ministerjali oħra relatati mal-UE;

viii. Tħejjija ta' Briefing u Background Notes kif ukoll Instruction Notes u Speaking Notes relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni kif u meta jkun meħtieġ;

ix. Jiġi assigurat illi l-proċeduri rilevanti jiġu segwiti skont il-linji gwida stabbiliti/manwali speċifiċi tas-Servizz Pubbliku Malti u tar-Rappreżentanza Permanenti;

x. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża; għarfien fil-lingwa Franċiża jkun meqjus bħala vantaġġ;

iii. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti)* f'qasam li jwassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam li jkunu applikaw għalih.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita.

5.2 (i) Kwalifiki f'Livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Master f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni

vi. Providing input to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs, COREPER II, COREPER I and PSC meetings, as well as any other meetings of the Permanent Representative;

vii. Providing input to the Ministry concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related ministerial meetings;

viii. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

ix. Ensuring relevant procedures are followed as per standard/specific manual/s guidelines of the Maltese Public Service and the Permanent Representation;

x. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. proficient in the Maltese and English languages; knowledge of French is considered an asset;

iii. in possession of a recognised Bachelor qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent)* in areas that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area.

*A recognised qualification comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position.

5.2 (i) Qualifications at a Level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC

li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 iii, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1 iii.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'Livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-Livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha

formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVE credits.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1 iii will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 5.1 iii.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF Level then that required above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF Level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant)

Field known as 'Ta' Buqana', in the limits of Ta' Qali, limits of Rabat, Malta, which consists of an agricultural land with direct access from a public street and measuring about 3076.96 square metres, bounded on the west by Rabat Road, south by property of Ganni Fenech or his successors in title, East by property of unknown third parties, with all the structures built on it including the borehole, as better described in the contract dated 23rd May, 2011, in the acts of Notary Maria Spiteri and valued at two hundred and twenty five thousand euro (€225,000).

The field known as 'Tal-Palma', limits of Mġarr, Malta, forming part of a larger field, which consists of an agricultural land with direct access from a public street, and measuring about 440.7 square metre, bounded on the east by the street, north in part by property of Manuel Galea or his successors in title and in part by a country road, and South by property of said Galea, as described in the contract dated 15th December, 2011, in the acts of Notary Maria Spiteri and is valued at fifty five thousand euro (€55,000).

The said tenement is the property of Sun Island Nurseries Limited (C45327).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 28/2022.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 26th July, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1536

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju, 2023, fuq talba ta' Michael Grech et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1395/2023 fl-ismijiet Michael Grech et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 11th July, 2023, following a request by Michael Grech et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the acts of the schedule of deposit number 1395/2023 in the names Michael Grech et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1395/2023 ta' Michael Grech, impjegat, bin Nazzareno Grech u Carmen Grech née Muscat, imwieled Ħ'Attard fit-23 ta' Lulju, 1968, u joqgħod Ħ'Attard (KI 343968M) u martu Jacqueline Grech, mara tad-dar, bint George Sillato u Helen Sillato née Tabone, imwielda Ħ'Attard fil-5 ta' Frar, 1971, u toqgħod Ħ'Attard (KI 97571M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti u s-subdirettarji mhux magħrufa tal-garaxx uffiċjalment markat bin-numru 15 u jismu May fi Triq San Franġisk, Ħal Balzan, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2023, fejn Michael Grech u martu Jacqueline Grech esponew bir-rispett:

Illi b'kuntratt tan-Nutar Dott. Nicole Cassar tat-28 ta' Ġunju, 2021, l-esponenti xtraw l-utile dominju perpetwu tal-garaxx uffiċjalment immarkat bin-numru 15 li jismu May fi Triq San Franġisk, Ħal Balzan, suġġett għar-rata tiegħu minn ċens akbar ta' Lm 7 ekwivalenti għal €16.31, altrimenti liberu u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif aħjar deskritti u indikati fl-att tal-akkwist imsemmi (Dok. A) u fil-pjanta hawn annessa (Dok. B).

Illi l-awtur fit-titolu tal-esponent Jesmond Xerri kien xtara l-utile dominju perpetwu ta' dan il-garaxx mingħand il-kumpanija Rabat Plant Limited b'att tan-Nutar Dott. Carmel Martinelli tat-30 ta' Lulju, 1997, bħala eżenti mill-obbligu tal-ħlas taċ-ċens.

Illi l-esponenti ma jafux l-identità tal-padrun dirett illum.

Illi għall-kompletezza u sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà, l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-istess ċens.

Illi ċ-ċens Lm7 ekwivalenti llum għal €16.31 fis-sena kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €326.11.

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €326.11 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-garaxx uffiċjalment markat bin-numru 15, u jismu May fi Triq San Franġisk, Ħal Balzan, għas-saldu ta' kwalunkwe prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens u liema somma għandha tiġi liberament mogħtija lil min għandu jedd għaliha wara li jħalli d-debita riċevuta għas-saldu.

Esponenti: c/o 162, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1395/2023 in the names of Michael Grech, employed, son of Nazzareno Grech and Carmen Grech née Muscat, born in Ħ'Attard on the 23rd July, 1968, and resides in Ħ'Attard (ID 343968M) and his wife Jacqueline Grech, house wife, daughter of George Sillato and Helen Sillato née Tabone, born in Ħ'Attard on the 5th February 1971 and resides in Ħ'Attard (ID97571M) vs deputy cutators to represent the unknown direct and sub direct owners of the garage officialy marked with number 15 named May in Triq San Franġisk, Ħal Balzan, filed in the First Hall of the Civil Court on the 7th July, 2023, the applicants Michael Grech and his wife Jacqueline Grech respectfully submitted:

That pursuant to a contract of Notary Dr Nicole Cassar dated 28th June 2021, the applicants bought the perpetual utile dominium of the garage officially marked with number 15 named May in Triq San Franġisk, Ħal Balzan, subject to its rate from a larger groundrent of Lm 7 equivalent to €16.31, otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, as better described and indicated in the deed of acquisition mentioned (Doc. A) and in the plan hereby attached (Doc. B).

That the predecessor of the applicant Jesmond Xerri had bought the perpetual utile dominium of this garage from the company Rabat Plant Limited by a deed of Notary Dr Carmel Martinelli of the 30th July 1997 as exempt from the obligation of payment of the groundrent.

That the applicants do not know the identity of the direct owner today.

That for the sake of completeness and in order to exempt themselves from all responsibility, the applicants wish to avail themselves of the option given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem for all intents and purposes of law the same groundrent.

That the Lm7 groundrent, equivalent today to €16.31, per annum when capitalised at the rate of 5% amounts to €326.11.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €326.11 representing the redemption price of the annual and perpetual groundrent burdening the garage officially marked with number 15, and named May in Triq San Franġisk, Ħal Balzan, for the settlement of any redemption price of this groundrent and which sum shall be freely given to whom it has the right to it after leaving the due receipt for settlement.

Applicants: c/o 162, riq l-Ifran, Valletta VLT 1455

Notification: Director Public Registry, Valletta

Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anna Felice, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 11 ta' Lulju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Lands Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice, LLD, Doctor of Laws.

Today 11th July, 2023

Registry of the Superior Courts, today 28th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1537

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Modesta Farrugia et vs Mario Zammit et, Rikors numru 409/2022JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Modesta Farrugia (KI 779046M) u Caterina sive Catherine Ciappara (KI 0639258M) vs Mario Zammit (KI 0221971M) u l-Awtorità tad-Djar bħala amicus curiae ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-16 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrenti Modesta Farrugia (KI 779046M) u Catherine Ciappara (KI 0639258M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddetermina jekk l-intimat Zammit jissodisfax il-kriterji tal-kapital u d-dħul tat-test tal-mezzi skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji tat-Test tal-Mezzi) ikkontemplati fl-artikoli 1531F u 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom u konsegwentement jiddetermina jekk l-istess intimat Zammit għandux jekk ikompli l-kirja tal-fond bin-numru 13 (ġja 16) fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġja Triq Ġużeppi d'Arena), Il-Qrendi;

By means of a decree of the 12th October, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Modesta Farrugia et vs Mario Zammit et, Application number 409/2022JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Modesta Farrugia (ID 779046M) and Caterina sive Catherine Ciappara (ID 0639258M) vs Mario Zammit (ID 0221971M) and the Housing Authority as amicus curiae filed in the Rent Regulation Board, on the 16th May, 2022, the applicants Modesta Farrugia (ID 779046M) and Catherine Ciappara (ID 0639258M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Determine if the respondent Zammit satisfies the criteria of the means test for the income and capital according to the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) in terms of Articles 1531F and 1622A of the Civil Code and any other regulations that may replace them and consequently determine if the same respondent Zammit has the right to continue with the lease of the premises number 13 (previously 6) in Triq Dun Rajmond Ellul (previously Triq Ġużeppi d'Arena), Qrendi;

2. Jordna f'każ li l-intimat Zammit ma jissodisfax il-kriterji tal-kapital u d-dħul tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat Zammit mill-fond bin-numru 13 (ġja 6) fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġja Triq Ġużeppi d'Arena), Il-Qrendi, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord; u

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018 kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond bin-numru 13(gja 6) fi Triq Dun Rajmond Ellul (ġja Triq Ġużeppi d'Arena), Il-Qrendi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għall-kawża kostituzzjonli li qed tiġi preżentata fl-ismijiet Modesta Farrugia et vs Avukat tal-Istat et għad-danni pekunarji u nonpekunarji.

Rikorrenti: Modesta Farrugia, 31, St Joseph, Triq Dun Rajmond Ellul, Il-Qrendi
Catherine Ciappara, Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, Il-Qrendi

Intimati: Mario Zammit, 13, Triq Dun Raymond Ellul, Il-Qrendi
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Modesta Farrugia et vs Mario Zammit et, Rikors numru 409/2022JG, jinsab differit għall-11 ta' Ottubru, 2023, fid-9.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order that in the event that the respondent Zammit does not satisfy the criteria of the means test for the income and capital, the eviction of the same respondent Grixti from the premises with number 13 (previously 6) in Triq Dun Rajmond Ellul (previously Triq Ġużeppi d'Arena), Qrendi, within a s short and peremptory time given by this Board; and

3. Declare and decide that in terms of Act XXVII of 2018 as amended by means of Act XXIV of 2021, the rent has to be revised to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises with number 13 (previously 6) in Triq Dun Rajmond Ellul (previously Triq Ġużeppi d'Arena), Qrendi.

With costs against the respondents who are hereby summoned so that a reference to their oath be made and reserving and without prejudice to the constitutional case that is being filed in the names Modesta Farrugia et vs State Advocate et for pecuniary and non-pecuniary damages.

Applicant: Modesta Farrugia, 31, St Joseph, Triq Dun Rajmond Ellul, Qrendi
Catherine Ciappara, Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, Qrendi

Respondent: Mario Zammit, 13, Triq Dun Rajmond Ellul, Qrendi
Housing Authority

The application in the names Modesta Farrugia et vs Mario Zammit et, Application number 409/2022JG, has been postponed for hearing to the 11th October, 2023, at 9.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1538

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Mejju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mark Joseph Vella vs Hyunjung Ryu née Ryu, Rikors numru 156/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Hyunjung Ryu née Ryu a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mark Joseph Vella (KI 137176M) vs Hyunjung Ryu née Ryu (KI 101132A), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-22 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Mark Joseph Vella (KI 137176M) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

By means of a decree of the 12th May, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Mark Joseph Vella vs Hyunjung Ryu née Ryu, Application Number 156/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Hyunjung Ryu née Ryu in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Mark Joseph Vella (ID 137176M) vs Hyunjung Ryu née Ryu (ID 101132A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 22nd March 2023, the applicant Mark Joseph Vella (ID 1337176M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of the marriage between the parties;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ.

Bl-ispejjeż u l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 53, Paradise Flats, Flat 1, Triq it-Torri, Il-Mosta

Intimata: 38, Block A, Churchill Court, Vjal ir-Rihan, San Ġwann

Ir-rikors fl-ismijiet Mark Joseph Vella vs Hyunjung Ryu née Ryu, Rikors numru 156/2023AL, jinsab differita għall-10 ta' Ottubru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 28 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order the Registrar of Courts so that within the time given by this same Court, he notifies the Director Public Registry about the dissolution of marriage.

With costs and the respondent is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: 55, Paradise Flats, Flat 1, Triq it-Torri, Mosta

Respondent: 38, Block A, Churchill Court, Vjal ir-Rihan, San Ġwann

The Application in the names Mark Joseph Vella vs Hyunjung Ryu née Ryu, Application number 156/2023AL, has been postponed for hearing to the 10th October, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1539

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Valentina Farrugia vs Andrew Farrugia, Rikors numru 75/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Andrew Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors guramentat numru 75/2023AL fl-ismijiet Valentina Farrugia (KI 115988M) vs Andrew Farrugia (KI 42388M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-30 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Valentina Farrugia (KI 115988M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba adulterju, abbuż, fiżiku, psikoloġika, emozzjonali, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob u jirċievi manteniment mingħand l-esponenti filwaqt li tiddikajra li l-esponenti ma tilfitx id-dritt tagħha li titlob u jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri …ommisis … tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u sabiex l-esponenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati

By means of a decree of the 20th June, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Valentina Farrugia (ID 115988M) vs Andrew Farrugia (ID 420388M), Application number 75/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Andrew Farrugia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of application number 75/2023AL in the names Valentina Farrugia (ID 115988M) vs Andrew Farrugia (ID 420388M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th March, 2023, the applicant Valentina Farrugia (ID 115988M) requested this Honourable Court to:

1.Pronounce the personal separation between the present parties due to adultery, abuse, physical, psychological, emotional, services, excesses, serious offences and grievous misgivings committed by the defendant against the applicant and consequently authorise the plaintiff to live separately from the defendant;

2. Declare that the respondent forfeited the right to claim and receive maintenance from the applicant whilst declaring that the applicant did not lose her right to claim and or receive maintenance from the defendant;

3. Order that the care and custody of the minor … ommisis … be entrusted exclusively to the applicant and so that the applicant takes all those decisions related to

mal-minuri inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut;

4. Tordna li l-minuri jirrisjedu mal-esponenti filwaqt li jiġu indikati modalità ta' aċċess jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri;

5. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lill-esponenti kif ukoll għall-imsemmija wild …ommisis … u jibqa' hekk pagabbli sakemm it-tfal jagħlqu l-età ta' 18-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bazi full-time, jew sa 23 sen jekk it-tfal jiddeċiedu u li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti, filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċju tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament, iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;

6. Tordna l-konvenut sabiex iħallas arretrati ta' manteniment tal-minuri, kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni, safar u kwalunkwe attivitajiet ekstrakurrikulari;

7. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikun ħadu jistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, trasport, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż, spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri, u nofs l-ispejjeż relatati mal-preċett u l-griżma tal-minuri u ħruġ ta' passaporti;

8. Tordna ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa;

9. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsub fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Tiddikjara xolta u terminata l-konunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali, komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema prozjonijet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera

the minor including those related to health, passport issue, travel and education of the minor without the consent of the respondent;

4. Order that the minor reside with the applicant whilst a mode of access is indicated if it is in the best interest of the minor;

5. Fix and liquidate an adequate amount of maintenance to be payable by the respondent plaintiff to the applicant as well as to the said child …ommisis … and remain so payable until the children reach the age of 18 if they stop school and start working on a full-time basis, or up to 23 Sen if the children decide and continue to study on a full-time basis; as well as order that these alienations be deducted directly from the salary or income of the defendant, from the employment or work or any benefit which the defendant is perceiving, and deposited in a bank account indicated by the applicant, whilst providing on the modalities how the same maintenance should be reviewed and amended every year to reflect the increase in the cost of living and that the applicant receives any child benefit, including but not limited to children's allowance, in their entirety;

6. Order the defendant to pay maintenance arrears of the minor, as well as arrears related to expenses incurred for health, education, travel and any extra-curricular activities;

7. Order the defendant to pay the health and education expenses of the same minor until they have taken up their studies; including, and not limited to, uniforms, transport, stationary, privatises and any other education-related expenses, including expenses related to extra-curricular activities of minors, and half the expenses related to the holy communion and confirmation of the minor and the issue of passports;

8. Order a protection order in terms of Cap. 16 of the Laws of Malta in favour of the applicant, and if this Honourable Court deems it necessary;

9. Order the withdrawal of the defendant from the conjugal rights as contemplated in Article 48 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta and apply against him in full the provisions of Article 48, 51 to 55 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

10. Declare dissolved and terminated the community of acquests existing between the parties, liquidate the same Community and order that the same objects forming the Community of acquests be divided into two portions not necessarily equal, composed as ordered and established by this Honourable Court, which proportions are assigned one to the applicant and the other to the defendant, and

ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

11. Tiddikjara liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali tagħha;

12. Tawtorizza lill-esponenti tibqa' tirresjedi fil-fond numru 58, Triq il-Papa Piu XII, Il-Mosta, flimkien mal-wild minuri ad esklużjoni tal-konvenut;

13. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha u ċjoè Aquilina;

14. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

15. Tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut, li huwa minn issa, inġunt għas-subizzjoni.

Attriċi: 82, Triq Geronimo Abos, L-Iklin

Notifika: Andrew Farrugia, 58, Triq il-Papa Piu XII, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Valentina Farrugia vs Andrew Farrugia, Rikors numru 752023AL, jinsab differit għall-10 ta' Ottubru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 28 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

this if necessary by the appointment of an architect and by appointing a notary to receive the relative deed and a curator to represent the eventual defendant on the same deed;

11. Declare what are the paraphernal property of the parties and condemn the defendant to restore to the applicant all her paraphernal property;

12. Authorise the applicant to continue to reside in the premises number 58, Triq il-Papa PIU XII, Mosta, together with the minor child to the exclusion of the defendant;

13. Authorise the applicant to revert to her maiden surname and namely Aquilina;

14. Appoint a curator to represent the defendant in his eventual dispute on the relative deed of partition on a day, time and place established by this Honourable Court;

15. Authorise the plaintiff to register in the Public Registry of Malta the eventual judgement given by this Honourable Court;

With costs and interest against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 82, Triq Geronimo Abos, Iklin

Notification: Andrew Farrugia, 58, Triq il-Papa Piu XII, Mosta

The application in the names Valentina Farrugia vs Andrew Farrugia, Application number 75/2023AL has been postponed for hearing to the 10th October, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1540

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1365/2023, fl-ismijiet Dott. Joseph A Schembri noe vs il-Perit Joseph Grech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Perit Joseph Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Marzu, 2023

By means of a decree of the 23rd June, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1365/2023, in the names Dr Joseph Schembri noe vs Architect Joseph Grech, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Architect Joseph Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th March, 2023

Lil: Perit Joseph Grech ta' 59, Triq san Duminku, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti l-Avukat Dott. Joseph A. Schembri, LLD (KI 196646M) ta' 19/20 Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, bħala mandatarju speċjali tal-assenti Nereo Miconi filwaqt li jerġa' jgħarrfek għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li huwa ġie assenjat id-drittijiet kollha li kellu Guerrino Giuseppe Barbirato fil-konfront tiegħek għar-radd lura tal-bilanċ tas-somma minnu mħallsa lilek ammontanti dan il-bilanċ għal Lm185,000 illum €430,934.08 apparte l-imgħax skadut u mhux imħallas u dan skont ma jirriżulta mill-kuntratt pubbliku relattiv li ġie pubblikat min-Nutar Dott. Henri Vassallo, LLD, fil-11 ta' Ottubru, 2004, jinterpellak għal darb'oħra u għall-aħħar darba sabiex tħallas l-istess ammont minnek dovut apparti l-imgħax skadut oltre l-imgħax ulterjuri sal-ġurnata tal-effettiv pagament.

Fin-nuqqas ta' pagament fi żmien tlett ijiem il-mittent sejjer jieħu proċeduri legali kontrik skont il-liġi.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi preżentata ai termini tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u jiġu evitati proċeduri legali u spejjeż żejda fil-Qorti.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 28 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To: Architect Joseph Grech of 59, Triq san Duminku, Valletta

By the present Advocate Dr Joseph A. Schembri, LLD (ID 196646M) of 19/20 Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, as special mandatory of the absentee Nereo Miconi whilst informing you again for all intents and purposes of law that he has been assigned all the rights that Guerrino Giuseppe Barbirato had against you for the refund of the balance of the sum paid by him to you and which balance amounts to Lm185,000, today €430,934.08, and this besides the interest which fell due and which is not paid and this as results from the relative public deed published by Notary Dr Henri Vassallo, LLD, on the 11th October, 2004, and he calls upon you once again and for the last time to pay the same amount due by you besides the interest due besides further interest till the day of effective payment.

In default of payment within three days the interpellant will take legal proceedings against you according to law.

This judicial letter is being filed in terms of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and avoid legal proceedings and increased Court costs.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 28th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1541

B'digriet mogħti mill- Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C 2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Is-showroom internament numerata bin-numru wieħed (1) li tinsab fil-pjan terran, b'entratura minn bieb komuni li jġib in-numru mitejn u sitta u tletin (236), f'High Street, Il-Ħamrun, formanti parti minn blokk ta' bini konsistenti fi tliet sulari, inkluż il-parti relattiva tal-partijiet komuni, però esklużi t-tieni (2) u t-tielet (3) sular, il-bejt u l-arja sovrastanti t-tielet (3) sular, ta' liema bejt u arja il-kumpanija Globino Limited għandha biss l-użu inkomuni mal-proprjetarji tax-showroom li tinsab fit-tielet (3) sular, libera u franka, bid-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 24th July, 2023, on the application of Bank of Valletta plc (C 2833), Thursday, 11th January, 2024, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The showroom internally numbered number one (1) situated on the ground floor level, with an entrance through a common door with number two hundred and thirty six (236), in High Street, Ħamrun, forming part of a building block consisting of three floors, including the relative part of the common parts, however excluding the second (2nd) and the third (3rd) floor, the roof and the overlying airspace above the third (3rd) floor, which roof and airspace the company Globino Limited has only common use with the owners of the showroom situated on

drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u stmata li tiswa mitejn u disgħa u għoxrin elf ewro (€229,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Globino Limited (C10052).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Lulju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the third (3rd) floor, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and valued at two hundred and twenty nine thousand euro (€229,000).

The said tenement is the property of Globino Limited (C10052)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2016.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th July, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1542

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' Michael Debono Limited (C10002) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'J&J Boatyard garaxx numru ħamsa u ħamsin (55), fil-limiti Ta' Għadmija, L-Imqabba, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Ahmed Mohammed (KI 120673A):

Vettura tal-marka Toyota Proace ta' kulur silver bin-numru tar-reġistrazzjoni DLY 264;

u

Vettura tal-għamla Toyota Proace ta' kulur kannella bin-numru tar-reġistrazzjoni GLY 194.

N.B. Dawn il-vetturi ser jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 11/22.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th July, 2023, on the application of Michael Debono Limited (C10002), Wednesday, 25th October 2023 at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in J&J Boatyard, garage number fifty five (55) limits of Ta' Għadmija, Mqabba, of the following vehicles seized from the property of Ahmed Mohammed (ID 120673A):

Vehicle of the make Toyota Procace silver in colour with the registration number DLY 264;

and

Vehicle of the make Toyota Procace brown in colour with the registration number GLY 194.

N.B. The said vehicles will be sold as described in the acts of judicial sale file number 11/22.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th July, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1543

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' Enemalta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C65836, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Data Centre, one (1) Chamber ġja magħrufa bħala l-A Station li tinsab taħt il-Marsa Power Station, Triq Belt il-Ħażna, Il-Marsa, tal-oġġetti indikati mill-Marixxall u stmati mill-Inġinier Brian Zammit fir-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 19th July, 2023, on the application of Enemalta plc with the registration number C65836, Wednesday 18th October, 2023, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held at the Data Centre, one (1) Chamber known as A Station located under the Marsa Power Station in Triq Belt il-Ħażna, Marsa, of the items indicated by the Marshal and estimated by Enginéer Brian Zammit in

rapport tiegħu fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 102/21 u hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Streamcast Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C82727.

Tieqa tal-aluminium, bibien, diversi servers cabinets, net cabinet, ePDU rack strips, UPS A and plinth, USB B and plinth, UPS A and UPS B battery cabinet and plinths, 1250A main switchboard and busbar chamber, 250A distribution board and autochangerover, overheadbusbars A and B, extinguishant cylinders, fire alarm panel, bms control and panel, air handling units, network switches, solid state drives u diversi oġġetti oħra.

N.B. Dawn l-oġġetti msemmija se jinbiegħu bħalma ġew stmati u deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 2/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

his report in the acts of the seizure warrant number 102/21 of the following described items seized from the property of Streamcast Limited with the registration number C82727.

Aluminium window, doors, various servers cabinets, net cabinet, ePDU rack strips, UPS A and plinth, USB B and plinth, UPS A and UPS B battery cabinet and plinths, 1250A main switchboard and busbar chamber, 250A distribution board and autochangerover, overheadbusbars A and B, extinguishant cylinders, fire alarm panel, bms control and panel, air handling units, network switches, solid state drives and other various items.

N.B. The said items will be sold as valued and described in the acts of judicial sale file number 2/23.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th July, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1544

B'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2023, mogħti mill-Qorti Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Brian Cutajar fl-4 ta' Lulju, 2023, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €2500 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 5/2023 fl-ismijiet Brian Cutajar (KI 227379M) pro noe vs Peter Caruana (KI 444780M) et miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2023.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 1st June, 2023 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to articles 187(3) and 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Brian Cutajar on the 4th July 2023 the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €2500 following judicial sale by auction 5/2023 in the names Brian Cutajar (ID 227379M) pro noe vs Peter Caruana (ID 444780M) et held under the authority of the said Court on the 28th June, 2023.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 10th July, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*